



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

23 ta' Marzu 2023^{*i}

“Appell – Servizz pubbliku – Fastidju psikoloġiku – Opinjonijiet mediċi – Assenzi mhux iġġustifikati – Remunerazzjoni – Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 11a – Kunflitt ta' interessi – Artikolu 21a – Ordni manifestament illegali – Artikolu 23 – Osservanza tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-pulizija – Proċeduri dixxiplinari – Tneħħija minn pożizzjoni – Irtirar tat-tneħħija minn pożizzjoni – Proċedura dixxiplinari ġdida – Tneħħija ġdida minn pożizzjoni”

Fil-Kawża C-640/20 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2020,

PV, irrappreżentat minn D. Birkenmaier, Rechtsanwalt,

rikorrent,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata inizjalment minn T. S. Bohr, B. Mongin u A.-C. Simon, sussegwentement minn T. S. Bohr u A.-C. Simon, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, P. G. Xuereb, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2022,

tagħti l-preżenti

^{*} Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tiegħu, PV jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Jannar 2020, PV vs Il-Kummissjoni (T-786/16 u T-224/18, mhux ippublikata, iktar 'il quddiem is-“sentenza appellata”, EU:T:2020:17), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati minn PV intiżi
 - fil-Kawża T-786/16, għall-annullament, b'mod prinċipali, tar-rappporti ta' evalwazzjoni ta' PV għas-snin 2014 sa 2016, tad-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) “Interpretazzjoni” tal-Kummissjoni Ewropea, tal-31 ta' Mejju, tal-5 ta' Lulju, tal-31 ta' Lulju u tal-15 ta' Settembru 2016, dwar tnaqqis mis-salarju ta' PV, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tat-28 ta' Novembru 2016, li tiċħad l-ilmenti mressqa kontra d-deċiżjonijiet tal-31 ta' Mejju u tal-5 ta' Lulju 2016 dwar tnaqqis mis-salarju ta' PV, tal-ittra ta' informazzjoni minn qabel mill-Uffiċċju “Amministrazzjoni u Ħlas tal-Intitolamenti Indivdwali” (PMO), tal-21 ta' Ġunju 2016, li tinforma lil PV li kellu dejn ta' ammont ta' EUR 33 593.88, tad-deċiżjoni tal-PMO, tal-11 ta' Lulju 2016, li tissospendi l-ħlas tas-salarju ta' PV mill-1 ta' Lulju 2016, tan-nota mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ “Interpretazzjoni” tal-31 ta' Lulju 2016 li tħabbar l-intenzjoni li jikkunsidra l-assenzi ta' PV għall-perjodu mit-2 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju 2016 bħala irregolari u għat-tnaqqis korrispondenti mis-salarju tiegħu, tal-ittra ta' informazzjoni minn qabel mill-PMO tal-21 ta' Settembru 2016 li tinforma lill PV li kellu dejn ta' ammont ta' EUR 42 704.74, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-17 ta' Jannar 2017 li tiċħad l-ilment imressaq kontra dawn l-atti, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tas-26 ta' Lulju 2016, li tkeċċi lil PV, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-2 ta' Frar 2017 li tiċħad l-ilment imressaq kontra din id-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni, tan-nota ta' debitu tal-20 ta' Lulju 2017, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tad-29 ta' Novembru 2017 li tiċħad l-ilment imressaq kontra din in-nota u l-proċedura dixxiplinari CMS 13/087, u
 - għall-annullament, sussidjarjament, tal-opinjoni mediki tas-27 ta' Ġunju u tal-10 ta' Ottubru 2014, tan-noti tal-uffiċjal mediku tas-16 ta' Lulju, tat-18 ta' Lulju, tat-8 ta' Awwissu, tal-4 ta' Settembru u tal-4 ta' Diċembru 2014, tal-4 ta' Frar, tat-13 ta' April, tal-4 ta' Ġunju, tal-11 ta' Awwissu, tal-14 ta' Ottubru u tal-4 ta' Diċembru 2015, tal-5 ta' Frar, tat-22 ta' Marzu, tat-18 ta' April, tat-3 ta' Ġunju, tat-30 ta' Ġunju u tal-25 ta' Lulju 2016, tad-deċiżjonijiet ta' ċaħda tat-talbiet għal assistenza tat-23 ta' Ottubru 2014, tal-20 ta' Jannar, tal-20 ta' Marzu u tat-30 ta' Lulju 2015 kif ukoll tal-15 ta' Marzu u tat-18 ta' Mejju 2016, tad-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ “Interpretazzjoni” tad-9 ta' Frar, tat-30 ta' Marzu, tal-5 ta' Mejju, tal-24 ta' Ġunju, tal-1 ta' Ottubru u tat-12 ta' Novembru 2015, tal-15 ta' Jannar, tat-22 ta' April 2016, dwar tnaqqis fis-salarju ta' PV, tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra ta' ċaħda tal-ilmenti mressqa kontra dawn id-deċiżjonijiet relatati ma' tnaqqis fis-salarju, tal-ittri ta' dejn tal-10 ta' Marzu, tal-11 ta' Mejju, tal-10 ta' Ġunju, tal-11 ta' Awwissu, tat-13 ta' Novembru u tad-9 ta' Diċembru 2015 kif ukoll tat-18 ta' Lulju 2016, tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra tat-12 ta' Marzu, tal-11 ta' Awwissu u tat-13 ta' Ottubru 2015, kif ukoll tas-7 ta' Ġunju u tal-21 ta' Settembru 2016 ta' ċaħda tal-ilmenti magħmula b'rabta mal-proċeduri ta' evalwazzjoni għas-snin 2013 sa 2015 kif ukoll tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-14 ta' Lulju 2016 ta' ċaħda tal-ilment dwar l-assenzi mhux iġġustifikati ta' PV tas-16 u tas-17 ta' Marzu 2016;
 - fil-Kawża T-224/18, għall-konstatazzjoni li PV kien vittma ta' fastidju psikoloġiku, u
 - għall-annullament tal-proċeduri dixxiplinari CMS 17/025, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-2 ta' Mejju 2018, ta' ċaħda tal-ilment imressaq kontra d-deċiżjoni ta' ftuħ ta' dawn

il-proċeduri, tal-posta elettronika tad-DĠ “Riżorsi umani u sigurtà” tat-23 ta’ Ottubru 2017 u tas-16 ta’ Marzu 2018, li tistieden lil PV jfassal l-awtoevalwazzjoni tiegħu marbuta mal-perijodi ta’ attività 2016 u 2017, tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra tas-16 ta’ Marzu u tal-1 ta’ Ġunju 2018, ta’ ċaħda tal-ilmenti mressqa kontra din il-posta elettronika, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-24 ta’ Lulju 2017 ta’ rtirar tat-tneħħija minn pożizzjoni ta’ PV, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-15 ta’ Jannar 2018 ta’ ċaħda tal-ilment imressaq kontra din id-deċiżjoni ta’ rtirar tat-tneħħija minn pożizzjoni ta’ PV, tad-deċiżjoni tal-PMO, tat-12 ta’ Settembru 2017, dwar it-tpaċija tad-dejn rispettiv bejn PV ul-Kummissjoni, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tad-9 ta’ Marzu 2018, ta’ ċaħda tal-ilment imressaq kontra din id-deċiżjoni ta’ tpaċija tad-dejn u tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ “Interpretazzjoni”, tat-13 ta’ Ottubru 2017, ta’ sospensjoni tas-salarju ta’ PV mill-1 ta’ Ottubru 2017;

- Fil-Kawżi T-786/16 u T-224/18, għall-kisba ta’ kumpens għad-danni materjali u morali li PV allegatament ġarrab.

Il-kuntest ġuridiku

- 2 L-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għat-tilwima (iktar ‘il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”), jiddikjara:

“L-uffiċjali f’impieg [attiv] għandhom jingħataw l-kondizzjonijiet tax-xogħol, konformi ma’ l-istandards xierqa tas-saħħa u tas-sigurtà, mill-anqas ekwivalenti għall-ħtiġijiet minimi applikabbli taħt il-miżuri adottati f’dawn l-oqsma skond it-Trattati.”

- 3 L-Artikolu 11a(1) u (2) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

“1. Uffiċjal m’għandux, fil-qadi ta’ dmirijietu u għajr kif ipprovdut minn hawn ‘l quddiem, jieħu h[s]ieb affari li fihom, direttament jew indirettament, għandu xi interess personali tali li jfixkel l-indipendenza tiegħu, u, partikolarment, l-interessi tal-familja jew finanzjarji.

2. Kull uffiċjal li jkollu, fil-qadi ta’ dmirijietu, jieħu h[s]ieb affari kif riferuta hawn fuq, għandu minnufih javża lill-Awtorità tal-Ħatra. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tieħu kull miżura xierqa, u tista’ partikolarment tneħħi l-uffiċjal mir-responsabbiltà ta’ din l-affari.”

- 4 L-Artikolu 12a(1) sa (3) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi:

“1. L-Uffiċjali għandhom joqogħdu lura minn kull forma ta’ turment [fastidju] psikoloġiku jew sesswali.

2. Uffiċjal li kien vittma ta’ turment psikoloġiku jew sesswali, m’għandux isofri xi effetti ta’ preġudizzju min-naħa ta’ l-istituzzjoni. Uffiċjal li ngħata [jipproduċi] evidenza dwar turment psikoloġiku jew sesswali, m’għandux isofri xi effetti ta’ preġudizzju min-naħa ta’ l-istituzzjoni, sakemm l-uffiċjal aġixxa b’onestà [*in bona fide*].

3. ‘Turment [fastidju] psikoloġiku’; ifisser kull imġiba mhux xierqa li ssir tul perjodu, hija ripetittiva jew si[s]tematika u tinvolvi atteġġjament [fiziċu], lingwa mliissna jew miktuba, azzjonijiet jew atti oħra li huma intenzjonali u li jistgħu jbaxxu l-personalità, dinjità, jew integrità fisika jew psikoloġika ta’ xi persuna.”

5 L-Artikolu 21a(1) u (2) tar-Regolamenti tal-Persunal huwa fformulat kif ġej:

“1. Uffiċjal li jirċievi ordnijiet li jikkunsidra li huma irregolari jew x’aktarx se joħolqu diffikoltajiet serji għandu jinforma s-superjur ta’ fuqu, li għandu, jekk l-informazzjoni tingħata bil-miktub, iwieġeb bil-miktub. Suġġett għall-paragrafu 2, jekk is-superjur ta’ fuqu jikkonferma l-ordnijiet u l-uffiċjal jemmen li t-tali konferma ma tikkostitwix risposta raġonevoli għar-raġunijiet għat-tħassib tiegħu, l-uffiċjal għandu jirreferi l-kwestjoni bil-miktub lill-awtorità tal-ġerarkija ta’ fuqha eżatt. Jekk ta’ l-aħħar jikkonferma l-ordnijiet bil-miktub, l-uffiċjal għandu jwettaqhom, sakemm ma jidhrux fiċ-ċar li huma illegali, jew jikkostitwixxu ksur fl-istandards rilevanti ta-sigurtà.

2. Jekk is-superjur ta’ fuqu eżatt, jikkunsidra li l-ordnijiet għandhom ikun esegwiti minnufih, l-uffiċjal għandu jwettaqhom, sakemm ma jidhrux fiċ-ċar li huma illegali, jew jikkostitwixxu ksur fl-istandards rilevanti ta-sigurtà. Fuq it-talba ta’ l-uffiċjal, is-superjur ta’ fuqu eżatt għandu jkun obligat li jagħti t-tali ordnijiet bil-miktub.”

6 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal jippreċiża:

“Il-privileġġi u l-immunitajiet li jgawdu l-uffiċjali jingħataw biss fl-interessi tal-Unjoni. Suġġetti għall-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, l-uffiċjali m’għandhomx ikunu eżentati milli jwettqu l-obbligi privati tagħhom jew milli jħarsu l-liġijiet u r-regoli tal-pulizija fis-seħħ.”

7 L-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa redatt kif ġej:

“L-Unjoni għandha tassisti kull uffiċjal, partikolarment fi proċeduri kontra kull persuna li tagħmel theddid, atti jew kliem ta’ insult jew defamatorji, jew kull attakk fuq persuna jew proprjetà li għalihom huwa jew membru mill-familja tiegħu huwa suġġett minħabba l-posizzjoni jew id-dmirijiet tiegħu.

Huma għandhom jikkompensaw *in solidum* l-uffiċjal għall-ħsara li soffra fit-tali każijiet, sakemm l-uffiċjal ma kkawżax il-ħsara intenzjonalment jew b’negliġenza gravi u ma kienx kapaċi jikseb kumpens mill-persuna li kkważata.”

8 L-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedu:

“L-uffiċjali jistgħu jibagħtu talbiet dwar kwestjonijiet koperti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra ta’ l-istituzzjoni tagħhom.

Kull deċiżjoni relatata ma’ individwu speċifiku li tittieħed taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandha tkun ikkomunikata minnufih bil-miktub lill-uffiċjal konċernat. Kull deċiżjoni li taffettwa ħażin uffiċjal għandha tagħti ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata.”

9 L-Artikolu 59(1) u (3) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

“1. Uffiċjal li jipprovdi evidenza li mhux kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu minħabba mard, jew inċident għandu, awtomatikament ikun intitolat għall-vaganzi [leave] tal-mard.

L-uffiċjal ikkonċernat għandu jinnotifika l-istituzzjoni tiegħu bl-inkapaċità tiegħu, mill-aktar fis possibbli u fl-istess [ħin] jiddikjara l-indirizz kurrenti tiegħu. Huwa għandu jipproduċi ċertifikat mediku jekk huwa assenti għal aktar minn tlett ijiem. [...] Fin-nuqqas ta’ dan, u sakemm [ħlief jekk] jonqos li jibgħat iċ-ċertifikat minħabba raġunijiet barra l-kontroll tiegħu, l-assenza ta’ l-uffiċjal għandha tkun ikkunsidrata mhux awtorizzata.

L-uffiċjal [fuq leave tal-mard], f'kull ħin, jista' jkun meħtieġ li jagħmel eżami mediku rranġat mill-istituzzjoni. Jekk l-eżami ma jistax isir minħabba raġunijiet attribwiti lill-uffiċjal, l-assenza tiegħu titqies mhux awtorizzata mid-data meta l-eżami għandu jsir.

Jekk jinstab fl-eżami li l-uffiċjal kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu, l-assenza tiegħu, suġġetta għas-subparagrafu li ġej, għa[n]dha titqies li mhux ġustifikata mid-data ta' l-eżami.

Jekk l-uffiċjal jikkunsidra li l-konklużjonijiet ta' l-eżami mediku rranġat mill-Awtorità tal-Ħatra m'humex iġġustifikati fuq raġunijiet mediċi, huwa jew tabib li jaġixxi f'ismu, jista' fi żmien jumejn jibgħat lill-istituzzjoni talba li l-kwestjoni tkun riferuta lil tabib indipendenti għal opinjoni.

[...]

3. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar proċeduri dixxiplinari, fejn ikun il-każ, kull assenza li titqies mhux iġġustifikata taħt il-paragrafi 1 u 2, għandha titnaqqas mill-vakanzi tas-sena ta' l-uffiċjal ikkonċernat. Fil-każ li l-uffiċjal ma baqalux intitolament għal vakanzi, għandu jitlef il-benefiċċju tar-remunerazzjoni għall-perjodu li jikkorrespondi.”

10 L-Artikolu 6(5) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jiddikjara:

“L-uffiċjal ikkonċernat għandu jkun intitolat li jirrifjuta wieħed mill-membri tal-Bord fi żmien ħamest ijiem mill-istabbiliment tal-Bord. L-istituzzjoni għandha wkoll tkun intitolata li tirrifjuta wieħed mill-membri tal-Bord.

Fl-istess limitu ta' żmien, membri tal-Bord jistgħu jitolbu li jkunu skużati mid-dmir għal raġunijiet leġittimi u għandhom jirtiraw jekk jeżisti konflitt ta' interess.

[...]”

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 11 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 1 sa 33 tas-sentenza appellata. Huma jistgħu, għall-bżonnijiet ta' din il-proċedura, jinġabru fil-qosor kif ġej.
- 12 PV, li kien uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sa mis-16 ta' Lulju 2007, ġie assenjat mad-Direttorat Ġenerali (DG) “Impjieġ, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni” tal-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2009.
- 13 Wara li qies li kien vittma ta' fastidju, PV ressaq, fil-5 ta' Awwissu 2009, talba għal assistenza fuq il-bażi tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal. Din il-proċedura nqas fid-9 ta' Ġunju 2010, wara investigazzjoni mmexxija mill-Uffiċċju għall-Investigazzjoni u d-Dixxiplina tal-Kummissjoni, li kkonkluda li l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal biex aġir speċifiku jiġi kklassifikat bħala fastidju psikoloġiku ma ġewx issodisfatti. Fl-1 ta' Ottubru 2009, PV ġie ttrasferit lejn id-DG “Baġit” tal-Kummissjoni.
- 14 Fl-1 ta' April 2013, PV ġie assenjat mad-diviżjoni “Amministrazzjoni Baġitarja u Finanzjarja” tad-DG “Interpretazzjoni”.
- 15 Fit-12 ta' Novembru 2013, il-kap ta' din id-diviżjoni ressaq ilment dixxiplinari kontra PV minħabba aġir problematiku, nuqqas ta' applikazzjoni tal-proċeduri fis-seħħ u nuqqas ta' prestazzjoni.

- 16 Bejn it-8 ta' Mejju 2014 u l-31 ta' Lulju 2016, PV ma ppreżentax ruħu għax-xogħol peress li qies li kien vittma ta' fastidju psikoloġiku.
- 17 Fis-27 ta' Ġunju u fl-10 ta' Ottubru 2014, l-uffiċjal mediku tal-Kummissjoni ta opinjonijiet mediċi li indikaw li PV kien kapaċi jirritorna għax-xogħol. Sussegwentement, PV intalab imur għal check-ups mediċi u huwa ma marx.
- 18 Peress li kkunsidra li l-assenzi ta' PV ma kinux iġġustifikati, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Interpretazzjoni" adotta diversi deċiżjonijiet ta' tnaqqis mis-salarju ta' PV.
- 19 Fit-23 ta' Diċembru 2014, PV ressaq it-tieni talba għal assistenza taħt l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal. Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Marzu 2015, l-Awtorità tal-Ħatra ddeċidiet li ma kienx hemm ħjiel ta' xi tip ta' fastidju psikoloġiku kontra PV u kkonkludiet li l-applikazzjoni ta' miżuri urġenti ta' tneħħija ma kinitx, konsegwentement, iġġustifikata.
- 20 Fl-10 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura dixxiplinari CMS 13/087 kontra PV minħabba insubordinazzjoni repetuta fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, aġir mhux xieraq u assenzi mhux iġġustifikati.
- 21 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-31 ta' Mejju u tal-5 ta' Lulju 2016, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Interpretazzjoni" ikkunsidra li l-assenzi ta' PV għall-perijodi mill-5 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2016 u mill-4 ta' April sal-31 ta' Mejju 2016 kienu irregolari u ddeċieda li jipproċedi għal tnaqqis fis-salarju ta' PV. L-ilmenti mressqa minn PV kontra dawn id-deċiżjonijiet ġew miċħuda permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-28 ta' Novembru 2016.
- 22 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Lulju 2016, il-PMO ddeċieda li jissospendi l-ħlas tas-salarju ta' PV b'effett mill-1 ta' Lulju 2016. L-ilment imressaq minn PV kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-17 ta' Jannar 2017.
- 23 Permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-26 ta' Lulju 2016, adottata wara l-proċedura dixxiplinari CMS 13/087, PV ġie mkeċċi mill-funzjonijiet tiegħu b'effett mill-1 ta' Awwissu 2016 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tas-26 ta' Lulju 2016"). L-ilment imressaq minn PV kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-2 ta' Frar 2017.
- 24 Permezz ta' nota tal-31 ta' Lulju 2016, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Interpretazzjoni" kkomunika lil PV dwar l-intenzjoni tiegħu li jikkunsidra bħala irregolari l-assenzi tiegħu mit-2 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju 2016 u li jipproċedi għat-tnaqqis korrispondenti mis-salarju tiegħu. L-ilment imressaq minn PV kontra din in-nota ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-17 ta' Jannar 2017.
- 25 Permezz ta' ittra ta' informazzjoni minn qabel tal-21 ta' Settembru 2016, il-PMO informa lil PV li huwa kellu dejn lejn il-Kummissjoni li jammonta għal EUR 42 704.74, li jikkorrispondi għall-assenzi mhux iġġustifikati tiegħu. L-ilment imressaq minn PV kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-17 ta' Jannar 2017.
- 26 Fl-24 ta' Lulju 2017, l-Awtorità tal-Ħatra rtirat id-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tagħha tas-26 ta' Lulju 2016 u PV ġie informat, permezz ta' nota tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Riżorsi Umani u Sigurtà" li fis-16 ta' Settembru 2017 huwa kien ser jiġi rreintegrat fi ħdan id-diviżjoni

“Sistemi Informatiċi u ta’ Konferenza” tad-DĠ “Interpretazzjoni”. L-ilment imressaq minn PV kontra d-deċiżjoni ta’ rtirar tat-tneħħija minn pożizzjoni tiegħu ġie miċħud permezz ta’ deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-15 ta’ Jannar 2018.

- 27 Permezz ta’ nota tat-12 ta’ Settembru 2017, id-direttur tal-PMO għamel tpaċija bejn l-ammonti dovuti lil PV għall-perijodu li matulu kien tkeċċa mill-funzjonijiet tiegħu u d-dejn ta’ dan tal-aħħar lejn il-Kummissjoni, li rriżulta fi ħlas ta’ EUR 9 550 favur PV. L-ilment imressaq minn PV kontra din in-nota ta’ tpaċija ġie miċħud permezz ta’ deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tad-9 ta’ Marzu 2018.
- 28 Fl-20 ta’ Settembru 2017, PV ġie informat li l-assenzi tiegħu mis-16 ta’ Settembru 2017 kienu meqjusa bħala irregolari.
- 29 Fis-6 ta’ Ottubru 2017, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura dixxiplinari CMS 17/025 għall-istess ilmenti bħal dawk tal-proċedura dixxiplinari CMS 13/087. L-ilment imressaq minn PV kontra l-ftuħ tal-proċedura dixxiplinari l-ġdida ġie miċħud permezz ta’ deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-2 ta’ Mejju 2018.
- 30 Fit-13 ta’ Ottubru 2017, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ “Interpretazzjoni” adotta deċiżjoni ta’ sospensjoni tal-ħlas tas-salarju ta’ PV b’effett mill-1 ta’ Ottubru 2017.
- 31 Permezz ta’ posta elettronika tal-15 ta’ Novembru 2017, PV ġie mistieden jipparteċipa fl-eżerċizzju ta’ evalwazzjoni FP 2016. L-ilment imressaq minn PV kontra din l-istedina ġie miċħud permezz ta’ deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-16 ta’ Marzu 2018.
- 32 Permezz ta’ posta elettronika tat-22 ta’ Frar 2018, PV ġie mistieden jipparteċipa fl-eżerċizzju ta’ evalwazzjoni FP 2017. L-ilment imressaq minn PV kontra din l-istedina ġie miċħud permezz ta’ deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-20 ta’ Ġunju 2018.
- 33 Permezz ta’ deċiżjoni tal-21 ta’ Ottubru 2019, adottata wara l-proċedura dixxiplinari CMS 17/025, il-Kummissjoni keċċiet lil PV mill-funzjonijiet tiegħu (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni ta’ tneħħija minn pożizzjoni tal-21 ta’ Ottubru 2019”). Din it-tneħħija minn pożizzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Novembru 2019.

Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

- 34 Permezz ta’ att sottomess fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta’ Diċembru 2017, wara li tħalla jibbenefika mill-għajnuna legali mill-President tal-Qorti Ġenerali, PV adixxa lill-Qorti Ġenerali b’rikors, irreġistrat taħt ir-referenza T-786/16, intiż, fl-ewwel lok, għall-annullament tal-atti kontenzjużi msemmija fl-ewwel u fit-tieni inċiżi tal-punt 1 ta’ din is-sentenza. Fit-tieni lok, PV talab għall-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas ta’ EUR 889 000 u ta’ EUR 132 828.67 bħala kumpens, rispettivament, għad-danni morali u materjali allegatament imġarrba.
- 35 Insostenn ta’ dan ir-rikors, PV invoka ħames motivi bbażati, essenzjalment, fuq il-ksur, l-ewwel, tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tieni, tal-Artikoli 21a u 23 tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tielet, tal-prinċipju ta’ premura u tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-raba’, tal-Artikoli 59 u 60 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll, il-ħames, tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”).

- 36 Permezz ta' att sottomess fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' April 2018, PV adixxa lill-Qorti Ġenerali b'rikors, irregiſtrat taħt ir-referenza T-224/18, intiż, fl-ewwel lok, għall-konstatazzjoni mill-Qorti Ġenerali li huwa kien vittma ta' fastidju psikoloġiku, fit-tieni lok, għall-annullament tal-atti kontenzjużi msemmija fir-raba' inċiż tal-punt 1 ta' din is-sentenza, kif ukoll, fit-tielet lok, għall-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas, b'mod prinċipali ta' EUR 98 0000 u ta' EUR 23 190.44, ta' kumpens, rispettivament, għad-danni morali u materjali allegatament imġarrba u, sussidjarjament, ta' EUR 7 612.87 bħala kumpens għad-dannu materjali allegatament imġarrab.
- 37 Insostenn ta' dan ir-rikors, PV invoka seba' motivi bbażati, essenzjalment, fuq il-ksur, l-ewwel, tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tieni, tal-Artikoli 21a u 23 tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tielet, tal-Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 41 tal-Karta, ir-raba', tal-prinċipju ta' premura, il-ħames, tal-prinċipju tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni u tal-prinċipju ta' legalità, is-sitt, tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* u, is-seba', tal-Artikolu 41 tal-Karta.
- 38 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet iż-żewġ rikorsi ppreżentati minn PV.
- 39 Fl-ewwel lok, fil-punti 67 sa 130 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondati t-talbiet ta' PV intiżi għall-konstatazzjoni mill-Qorti Ġenerali li huwa kien vittma ta' fastidju psikoloġiku kif ukoll dawk intiżi għall-annullament, b'mod partikolari, tad-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tas-26 ta' Lulju 2016 tal-proċeduri dixxiplinari CMS 13/087 u CMS 17/025 u tad-deċiżjonijiet li fir-rigward tagħhom huwa jitlob l-annullament b'mod sussidjarju fil-Kawża T-786/16.
- 40 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punti 131 u 132 tal-istess sentenza, li ma kienx hemm lok li jiġi eżaminat il-ħames motiv imqajjem fil-Kawża T-786/16 u lanqas is-sitt u s-seba' motivi mqajma fil-Kawża T-224/18, peress li dawn il-motivi ġew invokati insostenn tat-talbiet intiżi għall-annullament, rispettivament, tal-ewwel u tat-tieni proċedura dixxiplinari, iddikjarati inammissibbli.
- 41 Fit-tielet lok, fil-punti 135 sa 248 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi l-oħra.
- 42 Għal dan il-għan, minn naħa, hija kkonstatat, fil-punt 173 tas-sentenza appellata, li l-fatti ta' fastidju psikoloġiku allegati minn PV ma kinux ġew stabbiliti suffiċjentement kif meħtieġ mil-liġi.
- 43 Min-naħa l-oħra, fil-punti 177 sa 241 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali eskludiet il-motivi ta' PV ibbażati fuq il-ksur tal-Artikoli 11a, 21a, 23, 24, 59 u 60 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-prinċipji ta' legalità, ta' premura u tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni.
- 44 Fir-raba' lok, fil-punti 249 sa 255 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talbiet għal kumpens ta' PV, minħabba li dawn it-talbiet huma bbażati, essenzjalment, fuq l-allegata natura illegali tad-deċiżjonijiet li huma s-suġġett tar-rikorsi għal annullament u li l-illegalità tagħhom ma ġietx stabbilita minn PV.

It-talbiet tal-partijiet

- 45 Permezz tal-appell tiegħu, PV jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:
- tannulla s-sentenza appellata;

- tiddeċiedi l-kawża, u
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.
- 46 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tiċċad l-appell, u
 - tikkundanna lil PV għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

- 47 PV jinvoka għaxar aggravji insostenn tal-appell tiegħu, li huma bbażati, l-ewwel, fuq ksur tal-Artikoli 72 u 270 TFUE u tal-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tieni, fuq ksur tal-Artikolu 4 TUE, tal-Artikolu 41 tal-Karta u tal-Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tielet, fuq ksur tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit* u tal-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-raba', fuq ksur tal-Artikoli 1, 3, 4, 31 u 41 tal-Karta kif ukoll tal-Artikoli 1e u 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ħames, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 59 tar-Regolamenti tal-Persunal u fuq ksur ta' deċiżjoni interna tal-Kummissjoni, is-sitt, fuq ksur tal-prinċipju tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni, is-seba', fuq ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta u tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tmien, fuq żnaturament tal-fatti, id-disa', fuq ksur tal-Artikolu 15 tal-Karta kif ukoll, l-għaxra, fuq ksur tal-projbizzjoni li tingħata deċiżjoni *ultra petita*.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 48 Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu PV jikkritika l-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 184 u 185 tas-sentenza appellata, tal-argument tiegħu bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 21a u 23 tar-Regolamenti tal-Persunal.
- 49 Fl-ewwel lok, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet, fil-punt 184 tas-sentenza appellata, li hija biss sentenza ta' kundanna li tista' tistabbilixxi l-fatti ta' fastidju psikoloġiku jew ta' falsifikazzjoni fi skritturi u li digriet istruttorju jkun nieqes minn kull rilevanza fil-kuntest tal-eżami tal-fondatezza ta' tali fatti.
- 50 Fit-tieni lok, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali marret kontra l-Artikolu 270 TFUE billi ddeċidiet, fil-punt 185 tal-imsemmija sentenza, li r-relazzjoni ta' xogħol bejn uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu hija rregolata esklużivament mir-Regolamenti tal-Persunal, filwaqt li sorsi oħra tad-dritt ikunu rilevanti, b'mod partikolari d-dritt kriminali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jaħdem il-membru tal-persunal ikkonċernat. B'hekk, kull ksur kriminali mwettaq minn membru tal-persunal, bħall-fastidju psikoloġiku, il-falsifikazzjoni fi skritturi pubbliċi jew il-korruzzjoni, li hija ssanzjonata mill-Kodiċi Kriminali Belġjan, ukoll jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal. Issa, id-digrieti mogħtija mill-qorti istruttorja Belġjana b'konsegwenza tal-ilmenti mressqa minn PV kontra numru ta' uffiċjali jippermettu li jiġi stabbilit

li twettaq tali ksur kriminali. Billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-provi li fuqhom jibbażaw lilhom infushom dawn id-deċiżjonijiet ġudizzjarji, il-Qorti Ġenerali marret ukoll kontra l-Artikolu 2 TUE kif ukoll l-Artikolu 67(3) TFUE.

- 51 Fit-tielet lok, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti billi eskcludiet milli tiegħu inkunsiderazzjoni diversi elementi determinanti. Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali naqset milli tiegħu inkunsiderazzjoni d-digriet li ġew adottati minn qorti istruttorja Belġjana bil-ġħan li tipproċedi għas-smiġħ ta' ċerti uffiċjali tal-Kummissjoni involuti fl-adozzjoni ta' ċerti atti kontenzjużi filwaqt li dawn id-digriet li ġew adottati bis-saħħa ta' sistema proċedurali li turi li dawn il-persuni huma meqjusa bħala suspettati li wettqu l-ksur allegat. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali missha ħadet inkunsiderazzjoni s-sekwestru, li seħħ fid-19 ta' Settembru 2018 minn qorti istruttorja Belġjana, tal-fajl dixxiplinari CMS 17/025 bħala dokument ta' prova tar-reat ta' falsifikazzjoni fi skritturi pubbliċi. Fl-aħħar nett, firma falza, li tinsab fuq id-deċiżjoni ta' tnaqqis tas-salarju tal-15 ta' Settembru 2016, imissha wasslet lill-Qorti Ġenerali tapplika l-prinċipju *fraus omnia corrumpit*.
- 52 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali allegatament żnaturat il-fatti billi kkonstatat, fil-punt 184 tas-sentenza appellata, li, waqt is-seduta, il-Kummissjoni sostniet, mingħajr ma ġiet ikkontestata minn PV, li l-qrati Belġjani kienu kkundannaw lil dan tal-aħħar iħallas lill-uffiċjal mediku tal-Kummissjoni somma ta' EUR 25 000 bħala tpaċija. Fil-fatt, PV ma ġiex ikkundannat iħallas tali somma bħala tpaċija. Min-naħa l-oħra, it-tribunal correctionnel de Bruxelles (Belgique) (il-Qorti Kriminali ta' Brussell, il-Belġju), ikkonstatat l-inammissibbiltà tat-taħrika diretta ta' uffiċjal mediku tal-Kummissjoni u kkundannat lil PV għall-ħlas ta' kumpens ta' proċedura ta' EUR 440.
- 53 Il-Kummissjoni tqis li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 54 L-ewwel, fir-rigward tal-iżball ta' liġi invokat minn PV għall-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 184 tas-sentenza appellata, għandu jiġi osservat li PV jilmenta li l-Qorti Ġenerali, minn naħa, ikkunsidrat li hija biss sentenza ta' kundanna li tippermetti li jiġu stabbiliti fatti ta' fastidju psikoloġiku jew ta' falsifikazzjoni fi skritturi u, min-naħa l-oħra, ikkunsidrat li digriet istruttorju huwa nieqes minn kull rilevanza fil-kuntest tal-eżami tal-fondatezza ta' tali fatti.
- 55 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, għustament, f'dan il-punt 184, li, min-natura tagħhom, atti li ma fihomx konstatazzjoni definittiva ta' fatti li jikkostitwixxu falsifikazzjoni fi skritturi jew ta' fastidju ma jippermettux, fihom infushom, il-konstatazzjoni ta' dawn il-fatti.
- 56 Fit-tieni lok, l-allegazzjoni ta' PV, li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 184 tas-sentenza appellata, li digriet istruttorju huwa nieqes minn kull rilevanza għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-fatti ta' fastidju psikoloġiku jew ta' falsifikazzjoni fi skritturi, tirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata ta' dan il-punt 184.
- 57 Fil-fatt, billi kkonstatat, fl-imsemmi punt 184, li ebda wieħed mill-fatti li PV ikkwalifika bħala fastidju psikoloġiku jew bħala falsifikazzjoni fi skritturi ma ġie kkaratterizzat bħala tali u lanqas ma kien is-suġġett ta' kundanna kriminali minn qorti Belġjana, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li d-digriet adottati fil-kuntest tal-proċedura ta' istruttorja kriminali invokati minn PV ma kinux

jippermettu, fihom infushom, li jiġu stabbiliti dawn il-fatti u għaldaqstant ma kinux deċiżivi fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, mingħajr madankollu ma kkunsidrat li dawn kienu neqsin minn rilevanza.

- 58 Konsegwentement, l-argument ta' PV li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-istess punt 184 huwa infondat.
- 59 It-tieni, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 270 TFUE adottata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 185 tas-sentenza appellata, li permezz tagħha hija eskluet, fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, kull rilevanza tad-dritt nazzjonali fl-eżami tal-argumenti ta' PV dwar il-ksur tal-Artikoli 21a u 23 tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 270 TFUE jipprevedi li l-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti biex tiddeċiedi kull tilwima bejn l-Unjoni u l-membri tal-persunal tagħha fil-limiti u l-kundizzjonijiet iddeterminati mir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Unjoni.
- 60 Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li kull tilwima bejn uffiċjal jew membru tal-persunal tal-Unjoni u l-istituzzjoni li minnha jiddependi li toriġina mir-rabta ta' impjeg bejn il-parti kkonċernata u din l-istituzzjoni taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, OH (Immunità minn ġurisdizzjoni), C-758/19, EU:C:2021:603, punti 24 u 34).
- 61 Min-naħa l-oħra, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 270 TFUE b'ebda mod ma jirriżulta li r-relazzjoni tax-xogħol bejn uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu hija esklużivament irregolata mir-Regolamenti tal-Persunal.
- 62 Fil-fatt, minn naħa, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 62 sa 71 tal-konklużjonijiet tiegħu, dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, li jaqgħu kemm taħt id-dritt primarju kif ukoll taħt id-dritt idderivat, japplikaw għar-relazzjoni tax-xogħol bejn uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu.
- 63 Min-naħa l-oħra, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal jinvolvu riferimenti għad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri.
- 64 Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-Artikoli 21a u 23 tar-Regolamenti tal-Persunal, li ġew invokati minn PV insostenn tar-rikorsi tiegħu għal annullament.
- 65 B'hekk l-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal dwar il-privileġġi u immunitajiet li minnhom jibbenefikaw l-uffiċjali, jippreċiża, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li l-persuni kkonċernati ma humiex eżentati milli josservaw il-liġijiet u r-regolamenti tal-pulizija fis-seħħ. Għaldaqstant, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-uffiċjali għandhom obbligu josservaw il-liġijiet adottati mill-Istat Membru tal-post ta' assenjazzjoni tagħhom u li l-osservanza tagħhom hija imposta fuq kull persuna li tinsab fit-territorju tiegħu, fejn għalhekk huwa inkluż id-dritt kriminali ta' dan l-Istat Membru.
- 66 Bl-istess mod, l-Artikolu 21a(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi li uffiċjal ma għandux obbligu jeżegwixxi ordni li hija manifestament illegali jew kuntrarja għar-regoli ta' sigurtà applikabbli. Din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal, għalhekk tippermetti lil uffiċjal jirrifjuta li jeżegwixxi ordni li jkun irċieva billi jinvoka l-ksur tad-dritt kriminali tal-Istat Membru tal-post ta' assenjazzjoni tiegħu li jiġi kkaġunat mill-eżekuzzjoni ta' din l-ordni.

- 67 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet, fil-punt 185 tas-sentenza appellata, li r-relazzjoni tax-xogħol bejn uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu hija rregolata esklużivament mir-Regolamenti tal-Persunal, fejn b'hekk, fuq il-bażi tal-Artikolu 270 TFUE, ċaħdet lid-dritt kriminali nazzjonali minn kull rilevanza.
- 68 Madankollu, anki jekk il-motivi ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali jindikaw li hemm ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda d-dispożittiv tiegħu jidher fondat għal raġunijiet legali oħra, l-appell għandu jiġi miċħud (sentenza tal-25 ta' Frar 2021, Dalli vs Il-Kummissjoni, C-615/19 P, EU:C:2021:133, punt 165 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 69 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat li l-Artikolu 21a tar-Regolamenti tal-Persunal jippermetti lill-uffiċjal jirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' ordni meta din tkun manifestament illegali jew kuntrarja għar-regoli ta' sigurtà applikabbli.
- 70 Għaldaqstant l-imsemmija dispożizzjoni ma tistax tiġi invokata insostenn ta' rikors intiż għall-annullament ta' deċiżjonijiet li ma humiex konsegwenza tar-rifjut ta' uffiċjal li jikkonforma ruħu ma' ordni li tkun ingħatatlu.
- 71 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, ebda waħda mid-deċiżjonijiet kontenzjużi fil-kuntest tal-Kawżi T-786/16 u T-224/18 ma hija konsegwenza ta' rifjut ta' PV li jeżegwixxi ordni.
- 72 Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jiġi kkonstatat li s-sempliċi allegazzjoni li twettaq ksur kriminali minn uffiċjali li pparteċipaw fl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi u li nfetħu istruttorji kriminali li jirrigwardaw dan il-ksur, li fil-kuntest tagħhom instemgħu dawn l-uffiċjali, ma hijiex suffiċjenti biex jintwera li tali ksur twettaq meta ġew adottati dawn id-deċiżjonijiet. Sa fejn l-argument ta' PV li jissemma fil-punt 185 tas-sentenza appellata huwa bbażat fuq tali allegazzjonijiet mhux issostanzjati, dan missu, fi kwalunkwe każ, ġie miċħud bħala infondat.
- 73 Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq f'dan il-punt 185 mill-Qorti Ġenerali għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.
- 74 Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' PV li l-Qorti Ġenerali marret kontra l-Artikolu 2 TUE u l-Artikolu 67(3) TFUE billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-provi li fuqhom huma bbażati d-digriet mogħtija minn qorti istruttorja Belġjana u invokati minn PV, jeħtieġ sempliċement li jiġi osservat li dawn id-dispożizzjonijiet la għandhom bħala għan u lanqas bħala effett li jiddeterminaw ir-regoli relatati mal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi mill-qorti tal-Unjoni.
- 75 It-tielet, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' PV li l-Qorti Ġenerali wettqet "żnaturament b'ommissjoni", għandu jiġi osservat li, għalkemm l-argument żviluppat minn PV fil-kuntest tal-ewwel motiv tiegħu jirrigwarda l-punti 184 u 185 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx konstatazzjonijiet fattwali ta' dan il-punt 185, fejn għalhekk l-argument ta' PV ibbażat fuq żnaturament tal-fatti għandu jinftehem fis-sens li huwa intiż li jikkontesta l-fatti kkonstatati fil-punt 184 ta' din is-sentenza.
- 76 Fl-imsemmi punt 184, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod partikolari li ebda wieħed mill-fatti li PV kien ikkwalifika bħala fastidju psikoloġiku jew falsifikar fi skritturi ma kien is-suġġett ta' kundanna kriminali minn qorti nazzjonali Belġjana. Hija osservat ukoll li l-ilmenti sottomessi minn PV mal-qorti Belġjani taw lok għal istruttorji kriminali.

- 77 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li mill-Artikolu 256 TFUE kif ukoll mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-appell huwa limitat għal kwistjonijiet ta' liġi. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali hija l-unika waħda li għandha l-kompetenza biex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll biex tevalwa l-provi. L-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u ta' dawn il-provi ma hijiex, ħlief fil-każ li jkunu ġew żnaturati, punt ta' liġi li huwa suġġett, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (sentenza tal-21 ta' Ottubru 2021, Il-Parlament vs UZ, C-894/19 P, EU:C:2021:863, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 78 Tali żnaturament jeżisti meta, mingħajr ma jiġu sottomessi provi ġodda, l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tkun tidher li hija manifestament żbaljata. Madankollu, dan l-iżnaturament għandu jidher b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun neċessarju li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi. Barra minn hekk, fejn appellant jallega żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali, huwa għandu jindika b'mod preċiż il-provi li allegatament ġew żnaturati minnha u għandu juri l-iżbalji fl-analiżi li, fil-fehma tiegħu, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni, C-79/19 P, EU:C:2020:129, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 79 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-konstatazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 184 tas-sentenza appellata jistgħu jitqiegħdu inkwistjoni biss jekk ikun intwera li mid-dokumenti li ġew sottomessi lill-Qorti Ġenerali jirriżulta b'mod manifest li dawn il-konstatazzjonijiet huma ineżatti.
- 80 PV jinvoka, qabel kollox, f'dan ir-rigward, numru ta' dokumenti li pproduċa fl-ewwel istanza u li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni.
- 81 Huwa minnu li l-konstatazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 184 tas-sentenza appellata huma bbażati fuq iċ-ċirkustanza li l-ilmenti mressqa minn PV quddiem il-qorti Belġjani taw lok għall-ftuħ ta' istruttorji kriminali, fuq żewġ sentenzi tax-chambre des mises en accusation de la cour d'appel de Bruxelles (l-Awla tat-Tqegħid f'Akkuża tal-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju) u fuq sentenza oħra ta' qorti Belġjana.
- 82 Madankollu, billi llimita ruħu jelenka d-dokumenti li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx, PV baqa' ma weriex li dawn jistgħu jqiegħdu inkwistjoni l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali, fil-punt 184 ta' din is-sentenza, li ebda wieħed mill-fatti li PV ikkwalifika bħala falsifikazzjoni fi skritturi jew fastidju psikoloġiku ma ġie kkaratterizzat b'dan il-mod jew ma kien suġġett għal kundanna kriminali minn qorti Belġjana.
- 83 Sussegwentement, għal dak li jikkonċerna l-allegat żnaturament tal-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jiġi osservat li, kieku kellu jitqies li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, b'mod żbaljat, li l-Kummissjoni kienet sostniet, fl-okkażjoni ta' din is-seduta, li l-qorti Belġjani kienu kkundannaw lil PV jħallas lill-uffiċjal mediku tal-Kummissjoni somma ta' EUR 25 000 bħala tpaċija meta, fil-verità, PV kellu jħallas biss somma ta' EUR 440, tali żball, fi kwalunkwe każ, ma jkunx tali li jqiegħed inkwistjoni l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 184 tas-sentenza appellata u mfakkra fil-punt 76 ta' din is-sentenza. Għaldaqstant dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.
- 84 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' PV li l-Qorti Ġenerali missha eżaminat jekk l-allegata firma falza li tinsab fid-deċiżjoni ta' tnaqqis tas-salarju tal-15 ta' Settembru 2016 kinitx tagħti lok għall-applikazzjoni tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit*, għandu jittfakkar li, fil-kuntest ta' appell,

l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa limitat għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat lill-motivi u lill-argumenti ddibattuti quddiem il-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja aggravji jew argumenti li hija ma tkunx invokat quddiem il-Qorti Ġenerali (sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 85 F'dan il-każ, PV invoka, fl-ewwel istanza, il-prinċipju *fraus omnia corrumpit* biss insostenn tat-talba għall-annullament tal-proċedura dixxiplinari CMS 17/025, fejn għalhekk l-ilment ibbażat fuq il-ksur ta' dan il-prinċipju għandu jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli għal dak li jikkonċerna l-atti kontenzjużi l-oħra msemmija fil-kuntest tal-ewwel aggravju – bħad-deċiżjoni ta' tnaqqis tas-salarju tal-15 ta' Settembru 2016.
- 86 Fir-rigward tal-proċeduri dixxiplinari CMS 17/025, ladarba t-talbiet intiżi għall-annullament ta' dawn il-proċeduri dixxiplinari ġew iddikjarati inammissibbli mill-Qorti Ġenerali fil-punt 94 tas-sentenza appellata, mingħajr ma ġiet imqiegħda inkwistjoni din l-evalwazzjoni minn PV fl-appell tiegħu, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi validament ikkritikata talli, waqt l-evalwazzjoni ta' dawn it-talbiet, eżaminat l-argument ibbażat fuq ksur tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit*, fejn għalhekk l-argument ta' PV ibbażat fuq l-ommissjoni li tingħata deċiżjoni dwar il-ksur allegat ta' dan il-prinċipju għandu jiġi miċħud bħala infondat.
- 87 Għalhekk, hemm lok li l-ewwel aggravju jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 88 Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, PV isostni, minn naħa, li l-konstatazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 184 tas-sentenza appellata, li ebda wieħed mill-fatti li PV ikklassifika bħala fastidju psikoloġiku jew falsifikazzjoni fi skritturi ma ġie kkaratterizzat bħala tali jew ma kien is-suġġett ta' kundanna kriminali minn qorti nazzjonali Belġjana, hija dovuta għal “sabotaġġ” sistematiku tal-proċeduri ta' istruttoria kriminali mill-Kummissjoni, bi ksur tad-dritt ta' PV għal smiġh xieraq. Huwa jallega li din l-istituzzjoni abbużat mill-immunità tas-servizz billi rrifjutat sistematikament li tawtorizza s-smiġh ta' uffiċjali minn qorti istruttoria, bi ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, meta ma humiex inkwistjoni atti ta' awtorità pubblika. Barra minn hekk, isostni li l-Kummissjoni u wħud mill-uffiċjali tagħha ndaħħlu fi proċeduri istruttoria kriminali mmexxija mill-awtoritajiet Belġjani, bi ksur tal-Artikolu 72 TFUE, tal-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll tad-drittijiet li l-Artikolu 41 tal-Karta jagħti lil PV fil-kapaċità tiegħu ta' parti ċivili fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri kriminali.
- 89 Min-naħa l-oħra, huwa jallega li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-proċess billi ċaħdet, fil-punt 192 tas-sentenza appellata, l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba li sempliċi lment kriminali mressaq minn PV kontra membri tal-Awtorità tal-Ħatra inkarigati milli jagħtu deċiżjonijiet fir-rigward tiegħu ma huwiex suffiċjenti biex dawn il-persuni jitqiegħdu f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess, meta numru ta' lmenti kriminali mressqa minn PV taw lok għall-ftuħ ta' proċeduri ta' istruttoria kriminali. Skont PV, din iċ-ċirkustanza missha wasslet lill-Qorti Ġenerali biex tikkonstata li dawn il-membri tal-Awtorità tal-Ħatra kienu jinsabu f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess fil-kuntest tal-proċedura dixxiplinari CMS 17/025 kif

ukoll meta adottaw id-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tal-21 ta' Ottubru 2019. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali missha kkonstatat ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta, tal-Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 6(5) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

- 90 Skont il-Kummissjoni, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 91 L-ewwel, fir-rigward tal-allegazzjoni li l-Kummissjoni, b'mod sistematiku, abbużat mill-immunità tas-servizz u ndaħlet f'istrutturji kriminali fil-Belġju, għandu jiġi osservat li, quddiem il-Qorti Ġenerali, PV sostna biss li l-oppożizzjoni ta' ex Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni fis-smiġh ta' persuna li ħadet sehem fl-adozzjoni ta' ċerti atti kontenzjużi jista' jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.
- 92 Għaldaqstant, din l-allegazzjoni għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 84 ta' din is-sentenza, inkwantu hija tistrieħ fuq rifjut ta' smiġh allegat ieħor u allegat indħil fl-istrutturji kriminali fil-Belġju.
- 93 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali dovut għall-oppożizzjoni tal-ex Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni għas-smiġh ta' persuna li ħadet sehem fl-adozzjoni ta' ċerti atti kontenzjużi, għandu jiġi osservat li l-ewwel sentenza tal-punt 184 tas-sentenza appellata tillimita ruħha għall-konstatazzjoni li ebda wieħed mill-fatti li PV kien ikkwalifika bħala fastidju psikoloġiku jew bħala falsifikazzjoni fi skritturi ma kien ġie kkaratterizzat b'dan il-mod jew ma kien is-suġġett ta' kundanna kriminali minn qorti Belġjana. Issa, peress li tali konstatazzjoni ma fiha ebda evalwazzjoni tal-legalità ta' din l-oppożizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-argument ta' PV huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata ta' din is-sentenza appellata u għandu, għalhekk, jiġi miċħud bħala infondat.
- 94 It-tieni, fir-rigward tal-iżbalji li allegatament wettqet il-Qorti Ġenerali fil-punt 192 tas-sentenza appellata, għandu jiġi osservat li l-argument ta' PV dwar il-ksur tal-Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal jirrigwarda l-proċedura dixxiplinari CMS 17/025 u d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tal-21 ta' Ottubru 2019.
- 95 Għandu jingħad ukoll li, kif ġie osservat fil-punt 86 ta' din is-sentenza, it-talbiet intiżi għall-annullament ta' din il-proċedura dixxiplinari ġew iddikjarati inammissibbli mill-Qorti Ġenerali, mingħajr ma din l-evalwazzjoni tqiegħdet inkwistjoni minn PV fl-appell tiegħu. Barra minn hekk, id-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tal-21 ta' Ottubru 2019 ma hijiex imsemmija fit-talbiet ta' PV fil-kuntest tar-rikorsi tiegħu fil-Kawżi T-786/16 u T-224/18.
- 96 Għalhekk, l-argument ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fil-punt 192 ta' din is-sentenza huwa ineffettiv.
- 97 Għaldaqstant hemm lok li t-tieni aggravju jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 98 Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, PV isostni li l-Qorti Ġenerali “żnaturat il-fatti b’ommissjoni” u marret kontra l-obbligu ta’ motivazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, billi ma eżaminatx l-applikazzjoni tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit* għall-proċedura dixxiplinari CMS 17/025, minħabba l-użu, f’din il-proċedura, ta’ deċiżjoni li fuqha tinsab firma falza.
- 99 L-eżami ta’ dan il-prinċipju missu wassal lill-Qorti Ġenerali tannulla l-investigazzjoni amministrattiva, il-proċedura dixxiplinari CMS 17/025 u numru ta’ deċiżjonijiet relatati mas-salarju ta’ PV.
- 100 Il-Kummissjoni ssostni li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 101 Għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 84 ta’ din is-sentenza, fil-kuntest ta’ appell, parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motivi jew argumenti li hija ma invokatx quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 102 F’dan il-każ, PV invoka, fl-ewwel istanza, il-prinċipju *fraus omnia corrumpit* biss fir-rigward tal-proċedura dixxiplinari CMS 17/025. Għalhekk, it-tielet aggravju għandu jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli inkwantu jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma applikatx l-imsemmi prinċipju fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar is-salarju ta’ PV.
- 103 Fir-rigward tal-proċedura dixxiplinari CMS 17/025, kif ġie osservat fil-punt 86 ta’ din is-sentenza, it-talbiet intiżi għall-annullament ta’ din il-proċedura dixxiplinari ġew iddikjarati inammissibbli mill-Qorti Ġenerali fil-punt 94 tas-sentenza appellata, mingħajr ma din l-evalwazzjoni tqiegħdet inkwistjoni mill-appell. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata talli ma ddeċidietx fuq il-mertu dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit*. L-ilment ta’ PV ibbażat fuq l-ommissjoni ta’ għoti ta’ deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit* għandu għalhekk jiġi miċħud bħala infondat.
- 104 Għaldaqstant hemm lok li t-tielet aggravju jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq il-ħames aggravju

- 105 Permezz tal-ħames aggravju tiegħu, li huwa, essenzjalment, maqsum fi tlett partijiet u li għandu jiġi eżaminat fir-raba’ lok, PV isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet numru ta’ żbalji billi ċaħdet l-argument tiegħu dwar il-ksur tal-Artikolu 59 tar-Regolamenti tal-Persunal u dwar l-użu, mill-Kummissjoni, ta’ falsifikazzjoni fi skritturi.

Fuq it-tieni parti tal-ħames aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

- 106 Permezz tat-tieni parti tal-ħames aggravju tiegħu, li għandu jiġi eżaminat fl-ewwel lok, PV isostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u wettqet żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha, fil-punti 112 sa 116 tas-sentenza appellata, tal-argument li l-użu, mill-Kummissjoni, ta' falsifikazzjoni fi skritturi taħt il-forma ta' opinjonijiet mediċi maħruġa mill-uffiċjal mediku tal-istituzzjoni jimplika n-nuqqas ta' eżistenza tal-atti kontenzjużi.
- 107 L-ewwel, isostni li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx validament tikkonstata, fil-punt 114 ta' din is-sentenza, li ċ-ċirkustanza li ċerti noti ta' assenza ġew intitolati "opinjonijiet mediċi" kienet tirriżulta minn żball ta' redazzjoni dovut għal att ta' negliġenza. PV isostni li, fid-dawl tan-numru ta' opinjonijiet mediċi maħruġa mill-uffiċjal mediku tal-Kummissjoni, din ma tistax tkun kwistjoni ta' negliġenza. L-aġir tal-uffiċjal mediku għandu, għall-kuntrarju, jitqies li huwa ta' natura intenzjonali.
- 108 It-tieni, isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkonstatat, f'dan il-punt 114, li dan l-iżball ta' redazzjoni ġie kkjarifikat u rrettifikat sussegwentement. PV itenni li l-opinjonijiet mediċi inkwistjoni ma ġewx irrettifikati, fejn għalhekk l-illegalità allegata tissussisti. Barra minn hekk il-Qorti Ġenerali ma tispjegax b'liema mod ġew irrettifikati dawn l-opinjonijiet mediċi.
- 109 Dan l-iżball ta' liġi wassal lill-Qorti Ġenerali tikkunsidra, b'mod żbaljat, fil-punti 115 u 116 tas-sentenza appellata, li l-illegalitajiet allegati ma jidhrux li jistgħu jiġu kkaratterizzati bħala provi u ma humiex suffiċjentement serji biex l-atti kontenzjużi jiġu ddikjarati ineżistenti.
- 110 It-tielet, isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkunsidrat, fil-punt 114 ta' din is-sentenza, li nota ta' assenza tal-uffiċjal mediku ma tikkostitwixxix att li jikkawża preġudizzju u li tali nota ma tistax tiġi kkontestata permezz ta' opinjoni b'applikazzjoni tal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 59(1) tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, iż-żewġ kundizzjonijiet meħtieġa għal din id-dispożizzjoni, jiġifieri l-eżistenza ta' konklużjoni medika u n-natura medikament mhux iġġustifikata ta' din il-konklużjoni, huma ssodisfatti kemm fir-rigward tal-opinjonijiet kif ukoll fir-rigward tan-noti kontenzjużi tal-uffiċjal mediku. Għaldaqstant dawn l-atti għandhom jiġu annullati peress li l-uffiċjal mediku rrifjuta mingħajr ġustifikazzjoni t-talbiet għal opinjoni mressqa minn PV.
- 111 Il-Kummissjoni ssostni li hemm lok li t-tieni parti tal-ħames aggravju jiġi miċħud.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 112 Fir-rigward tal-iżbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet fil-punt 114 tas-sentenza appellata, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li huma kkunsidrati bħala "atti li jistgħu jiġu kkontestati" fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, il-miżuri kollha adottati mill-istituzzjonijiet, tkun xi tkun il-forma tagħhom, li jkunu intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Tognoli *et* vs Il-Parlament, C-431/20 P, EU:C:2021:807, punt 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 113 Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat ukoll li miżuri intermedjarji li l-għan tagħhom huwa li jippreparaw, fil-kuntest ta' proċedura li tinkludi diversi fażijiet, id-deċiżjoni finali, ma jikkostitwixxux, bħala prinċipju, atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Tognoli *et* vs Il-Parlament, C-431/20 P, EU:C:2021:807, punt 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 114 F'dan il-każ, kif osservat il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 114 tas-sentenza appellata, in-noti ta' assenza tal-uffiċjal mediku jikkostitwixxu miżuri intermedjarji li huma nieqsa minn effetti legali awtonomi u li jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu kkontestati fil-kuntest tar-rikorsi ppreżentati kontra deċiżjonijiet adottati fuq il-bażi tagħhom.
- 115 Għalhekk l-allegazzjoni ta' PV li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet, f'dan il-punt 114, li nota ta' assenza ma tikkostitwixxix att li jikkawża preġudizzju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.
- 116 Barra minn hekk, peress li mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li n-noti ta' assenza ma jikkostitwixxux atti li jistgħu jiġu kkontestati fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, għandu jiġi miċħud l-argument ta' PV ibbażat fuq ksur tal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 59(1) tar-Regolamenti tal-Persunal bħala, fi kwalunkwe każ, ineffettiv.
- 117 L-istess jgħodd fir-rigward ta' żbalji oħra ta' liġi allegati minn PV fil-kuntest tat-tieni parti tal-ħames aggravju.
- 118 Fil-fatt, jekk jitqies li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punt 114 tas-sentenza appellata billi kkunsidrat li l-iżball ta' redazzjoni li jaffettwa ċerti noti ta' assenza kien ġie kkjarifikat u rrettifikat, hemm lok li jiġi osservat, minn naħa, li dawn in-noti ta' assenza ma jikkostitwixxux, fihom infushom, atti li jistgħu jiġu kkontestati fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE u, min-naħa l-oħra, li tali żball, fir-rigward tal-atti kontenzjużi li ġew adottati b'rabta ma' dawn in-noti ta' assenza, ma jistax iqiegħed inkwistjoni l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, fil-punt 115 ta' din is-sentenza, li ma ntlaħaqx il-livell ta' prova u ta' serjetà meħtieġa biex jitqies li dawn l-atti kienu ineżistenti.
- 119 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet parti tal-ħames aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

- 120 Permezz tat-tielet parti tal-ħames aggravju tiegħu PV jikkontesta l-punti 112 u 113 tas-sentenza appellata li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali kkonstatat l-assenza ta' lista tad-deċiżjonijiet amministrattivi li PV ikkwalifika bħala falsifikazzjoni fi skritturi. PV isostni, minn naħa, li pprova lista tad-deċiżjonijiet lill-Qorti Ġenerali fosthom it-talba għal annullament. Min-naħa l-oħra, kull deċiżjoni amministrattiva ta' ċaħda jew li tikkawża preġudizzju li tistrieħ fuq il-konstatazzjoni ta' assenza mhux iġġustifikata jkollha tiġi kkunsidrata bħala falsifikazzjoni fi skritturi peress li l-assenzi kollha ta' PV ġew iġġustifikati permezz ta' ċertifikati ta' inkapaċità għax-xogħol.
- 121 Il-Kummissjoni tqis li t-tielet parti tal-ħames aggravju għandha tiġi miċħuda.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 122 Fl-ewwel lok, l-argument ta' PV li l-Qorti Ġenerali ċanfritu, b'mod żbaljat, fil-punti 112 u 113 tas-sentenza appellata, talli ma pprovdix lista tal-atti li huwa jikkwalifika bħala falsifikazzjoni fi skritturi għandu jiġi miċħud bħala infondat, peress li jistrieħ fuq interpretazzjoni żbaljata ta' dawn il-punti.
- 123 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 112 tas-sentenza appellata, li kien PV li kellu juri, għal kull att kontenzjuż, kif l-allegat użu ta' falsifikazzjoni fi skritturi mill-Kummissjoni vvizzja l-att b'irregolarità li l-gravità tagħha hija tant evidenti li din ma tistax tiġi ttollerata mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Sussegwentement ikkonstatat, fil-punt 113 ta' din is-sentenza, li PV kien illimita ruħu jissottometti allegazzjonijiet ġenerali f'dan ir-rigward, li wassalha tiddeċiedi, fil-punt 115 tal-imsemmija sentenza, li l-livell ta' prova u ta' gravità li jagħtu lok għall-ineżistenza ta' att ma ntlaħaqx.
- 124 Billi ddeċidiet b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li mill-argument ta' PV ma kienx jirriżulta li l-limitu ta' prova u ta' gravità meħtieġ kien intlaħaq, mingħajr madankollu ma straħet fuq l-assenza ta' produzzjoni minn PV ta' lista tal-atti li dan tal-aħħar kien jikkwalifika bħala falsifikazzjoni fi skritturi.
- 125 Fit-tieni lok, l-argument ta' PV ibbażat fuq il-kontenut taċ-ċertifikati ta' inkapaċità għax-xogħol huwa inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 77 ta' din is-sentenza, peress li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-fatti tal-Qorti Ġenerali mingħajr ma PV jinvoka żnaturament f'dan ir-rigward.
- 126 Għaldaqstant it-tielet parti tal-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment infondat u parzjalment inammissibbli.

Fuq l-ewwel parti tal-ħames aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

- 127 Permezz tal-ewwel parti tal-ħames aggravju tiegħu, li għandha tiġi eżaminata fit-tielet lok, PV isostni, l-ewwel, li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 226 tas-sentenza appellata, żnaturat il-fatti.
- 128 Minn naħa, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-assenzi ta' PV għal eżamijiet mediċi ma kinux iġġustifikati minn perspettiva medika filwaqt li l-assenzi ta' PV kienu ġġustifikati minn ċertifikati tat-tabib tiegħu li jissuġġerixxu li jevita kull kuntatt mal-ambjent tax-xogħol tiegħu – li jinkludi d-dipartiment għall-eżamijiet mediċi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, din l-istituzzjoni setgħet, skont PV, torganizza eżami mediku d-dar tiegħu, li ma għamlitx.
- 129 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti billi naqset milli tikkonstata li tmien sejħiet għal eżamijiet mediċi kienu ntbagħtu tardivament u PV rċevihom wara d-data tal-eżami mediku kkonċernat. Għalhekk l-evalwazzjoni li tinsab fil-punt 220 tas-sentenza appellata, li l-assenza għal diversi sejħiet għaċ-check-ups mediċi hija attribwibbli lil PV hija żbaljata fir-rigward ta' dawn it-tmien sejħiet.

- 130 It-tieni, l-opinjonijiet mediċi tas-27 ta' Ġunju u tal-10 ta' Ottubru 2014, li skonthom PV seta' jmur lura x-xogħol, probabbilment jirriżultaw minn struzzjonijiet irċevuti mid-DĠ "Interpretazzjoni" u għalhekk jikkostitwixxu parteċipazzjoni attiva għall-fastidju psikoloġiku li tiegħu PV huwa vittma kif ukoll ksur tar-regoli ta' deontoloġija u tal-prinċipju ta' prekawzjoni.
- 131 Barra minn hekk, skont PV, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina l-irregolaritajiet li jivvizzjaw l-opinjonijiet maħruġa mill-uffiċjal mediku tal-Kummissjoni. Isostni li dawn l-opinjonijiet mediċi fil-fatt jikkostitwixxu falsifikazzjoni fi skritturi. Minn naħa, dawn jiddikjaraw li l-assenzi ta' PV ma kinux iġġustifikati, filwaqt li pproduċa ċertifikati ta' inkapaċità għax-xogħol maħruġa mit-tabib tiegħu. Min-naħa l-oħra, dawn ma huma bbażati fuq ebda eżami mediku. L-assenza ta' eżami mediku barra minn hekk iċaħħad minn kull tifsira l-konstatazzjoni ta' assenza irregolari sa data futura, għadarba tali konstatazzjoni ma hijiex ibbażata fuq evalwazzjoni tal-kapaċità għax-xogħol.
- 132 It-tielet, isostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti billi naqset milli tikkonstata n-nuqqas ta' eżistenza tal-lista ta' tobba għal għoti ta' opinjoni – li missha ġiet stabbilita konformement mal-Artikolu 59(6) tar-Regolamenti tal-Persunal.
- 133 Il-Kummissjoni tqis li l-ewwel parti tal-ħames aggravju għandha tiġi miċħuda.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 134 L-ewwel, sa fejn PV isostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi billi wettqet interpretazzjoni żbaljata taċ-ċertifikati maħruġa mit-tabib tiegħu, għandu jiġi osservat li, għalkemm żnaturament tal-provi jista' jikkonsisti f'interpretazzjoni ta' dokument li tkun kuntrarja għall-kontenut tiegħu, sabiex jiġi stabbilit tali żnaturament ma huwiex biżżejjed li jintwera li dan id-dokument seta' jkun is-suġġett ta' interpretazzjoni differenti minn dik mogħtija mill-Qorti Ġenerali. Għal dan il-għan, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li l-Qorti Ġenerali marret manifestament lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli ta' dan id-dokument, b'mod partikolari billi interpretatu b'mod kuntrarju għall-formulazzjoni tiegħu (sentenza tal-25 ta' Frar 2021, Dalli vs Il-Kummissjoni, C-615/19 P, EU:C:2021:133, punt 139 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 135 Issa, għalkemm ma huwiex eskluż li ċ-ċertifikati mediċi prodotti minn PV, li kienu jirrakkomandaw, hekk kif osservat il-Qorti Ġenerali fil-punt 219 tas-sentenza appellata, li PV jevita "kull kuntatt mal-ambjent tax-xogħol [...] sabiex jevita burnout ieħor" [traduzzjoni mhux uffċjali], jistgħu jiġu interpretati fis-sens li t-tabib tiegħu qies li huwa ma kellux jissuġġetta lill-nnifsu għal eżami mediku organizzat mill-Kummissjoni, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti Ġenerali ma marritx manifestament lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli ta' dawn id-dokumenti billi kkunsidrat, f'dan il-punt 219, li s-servizz mediku ma huwiex l-ambjent tax-xogħol ta' PV u li, għalhekk, dawn iċ-ċertifikati mediċi ma jawtorizzawx lil PV ma jissuġġettax lill-nnifsu għaċ-check-ups mediċi organizzati mill-Kummissjoni.
- 136 Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq żnaturament tal-imsemmija dokumenti għandu jiġi miċħud bħala infondat.
- 137 It-tieni, fir-rigward tal-ilmenti li permezz tagħhom PV, minn naħa, jikkritika lill-Kummissjoni talli ma organizzatx eżami mediku d-dar tiegħu, li bagħtet tardivament ċerti sejħiet għal eżamijiet mediċi jew li allegatament indirizzat struzzjonijiet lill-uffiċjal mediku tal-Kummissjoni għar-redazzjoni ta' ċerti opinjonijiet mediċi kif ukoll, min-naħa l-oħra, jinvoka n-nuqqas ta'

eżistenza tal-lista ta' tobba għall-għoti ta' opinjoni, dawn l-ilmenti għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 84 ta' din is-sentenza, għadarba PV ma invokahomx quddiem il-Qorti Ġenerali.

- 138 It-tielet, sa fejn l-ilment indirizzat kontra l-punt 114 tas-sentenza appellata – li n-nota ta' assenza tal-uffiċjal mediku ma tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju – ġie miċħud fil-punt 115 ta' din is-sentenza bħala infondat, l-ilmenti indirizzati kontra n-noti ta' assenza għandhom jiġu miċħuda bħala, fi kwalunkwe każ, ineffettivi.
- 139 Konsegwentement, l-ewwel parti tal-ħames aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment infondata u parzjalment inammissibbli.
- 140 Minn dan isegwi li l-ħames aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq is-sitt aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 141 Permezz tas-sitt aggravju tiegħu, PV isostni, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-proċess billi kkonstatat, fil-punt 237 tas-sentenza appellata, li r-regola ta' konkordanza bejn l-ilment amministrattiv u r-rikors sussegwenti ma kinitx ġiet osservata fir-rigward tal-motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tad-dritt Belġjan, tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni, meta dan il-motiv kien tqajjem fl-ilment R/413/17.
- 142 Fit-tieni lok, isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkunsidrat, fil-punt 239 ta' din is-sentenza, li l-prinċipju tad-dritt Belġjan tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ma japplikax f'dan il-każ. PV jiddikjara li dan il-prinċipju japplika, b'mod ġenerali, fir-relazzjonijiet reċiproċi.
- 143 Fit-tielet lok, PV isostni li fil-punt 241 tal-imsemmija sentenza l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument li insostenn tiegħu huwa invoka l-imsemmi prinċipju billi "ddeformat" il-kronoloġija ta' dak li seħħ. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 240 tal-istess sentenza, li PV kien invoka deċiżjoni li ġiet wara r-rifjut tiegħu li jerġa' jingħaqad mad-DĠ "Interpretazzjoni" biex jiġġustifika dan ir-rifjut, filwaqt li l-ġrajja invokata minn PV għal dan il-għan seħħet qabel l-imsemmi rifjut.
- 144 Il-Kummissjoni ssostni li s-sitt aggravju għandi jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 145 L-ewwel, fir-rigward tal-iżball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali wettqet fil-punt 239 tas-sentenza appellata, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat, f'dan il-punt 239, li l-prinċipju tad-dritt Belġjan tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ma huwiex applikabbli fir-relazzjonijiet bejn uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu.
- 146 Fil-fatt, ir-relazzjoni tax-xogħol bejn uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu tirriżulta mir-Regolamenti tal-Persunal. Konsegwentement, hija rregolata mid-dritt tal-Unjoni. Il-prinċipju tad-dritt Belġjan tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni huwa, madankollu, prinċipju tad-dritt ċivili Belġjan li,

skont PV, huwa intiż li japplika fir-relazzjonijiet kuntrattwali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fl-assenza ta' riferiment espliċitu magħmul mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli, ma jistax jiġi kkunsidrat li tali prinċipju japplika għar-relazzjoni tax-xogħol bejn uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu.

147 Għaldaqstant dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala infondat.

148 It-tieni, fid-dawl ta' ċirkustanzi preċedenti, li kieku kellu jitqies, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-proċess billi kkonstatat li l-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tad-dritt Belġjan tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ma ġiex invokat minn PV fl-ilment tiegħu R/413/17 u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti Ġenerali "ddeforment" il-kronoloġija ta' dak li seħħ, tali żbalji huma mingħajr effett fuq iċ-ċaħda, fil-punt 241 tas-sentenza appellata, tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-imsemmi prinċipju.

149 Għalhekk, l-argument ta' PV ibbażat fuq l-iżnaturament tal-proċess u fuq il-kronoloġija ta' dak li seħħ huwa, fi kwalunkwe każ, ineffettiv.

150 Minn dan isegwi li s-sitt aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq is-seba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

151 Permezz tas-seba' aggravju tiegħu PV isostni, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali żnaturat l-ittra ta' informazzjoni minn qabel tal-PMO tal-21 ta' Settembru 2016 billi kkonstatat, fil-punt 20 tas-sentenza appellata, li l-ammont tad-dejn li jinsab f'din l-ittra huwa ta' EUR 42 704.74, meta minn tabella annessa mar-rikors fl-ewwel istanza fil-kawża T-786/16 jirriżulta li l-ammont ta' dan id-dejn kien ta' EUR 58 837.20.

152 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti billi naqset milli tikkunsidra n-natura frawdolenti ta' din it-tabella, li kienet telenka dejn li ma kienx jeżisti. PV isostni, f'dan ir-rigward, li l-PMO kiser l-obbligu tiegħu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 41 tal-Karta u fl-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal billi ma pprova ebda dokument insostenn tat-tnaqqis tas-salarju mwettaq biex jiġi paċut id-dejn. Barra minn hekk, firma falza li tinsab fuq id-deċiżjoni ta' tnaqqis tas-salarju tal-15 ta' Settembru 2016, imissha wasslet lill-Qorti Ġenerali tapplika l-prinċipju *fraus omnia corrumpit*. Dan l-iżnaturament wassal lill-Qorti Ġenerali twettaq żball ta' liġi, fil-punti 165 u 206 tas-sentenza appellata, billi kkunsidrat li d-dejn ġie kkonstatat b'mod regolari, filwaqt li d-dejn globali ta' EUR 58 837.20 kien ibbażat fuq irregolaritajiet.

153 PV jinvoka wkoll, f'dan ir-rigward, ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu, peress li kien impossibbli għalih li jikkontesta dan id-dejn minħabba l-ksur, mill-PMO, tal-obbligu tiegħu ta' motivazzjoni.

154 Il-Kummissjoni ssostni li s-seba' aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

155 L-ewwel, fir-rigward tal-allegat żnaturament tal-ittra ta' informazzjoni minn qabel tal-PMO tal-21 ta' Settembru 2016, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 134 ta' din is-sentenza, għalkemm żnaturament tal-provi jista' jikkonsisti

f'interpretazzjoni ta' dokument li tkun kuntrarja għall-kontenut tiegħu, sabiex jiġi stabbilit tali żnaturament ma huwiex biżżejjed li jintwera li dan id-dokument seta' jingħata interpretazzjoni differenti minn dik mogħtija mill-Qorti Ġenerali. Għal dan il-għan, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li l-Qorti Ġenerali marret manifestament lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli ta' dan id-dokument, b'mod partikolari billi interpretatu b'mod kuntrarju għall-formulazzjoni tiegħu.

- 156 F'dan il-każ, l-ittra ta' informazzjoni minn qabel tal-PMO tal-21 ta' Settembru 2016, li ġiet annessa mar-rikors fl-ewwel istanza fil-Kawża T-786/16 u li għaliha tagħmel riferiment il-Qorti Ġenerali fil-punt 20 tas-sentenza appellata, issemmi dejn li jammonta għal EUR 42 704.74. Barra minn hekk, l-istess ammont jinsab fit-tabella annessa mal-imsemmija ittra, ukoll annessa mar-rikors fl-ewwel istanza fil-kolonna intitolata "bilanċ dovut li fadal".
- 157 Għalhekk, il-konstatazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali, fil-punt 20 tas-sentenza appellata, li l-ammont tad-dejn li jinsab fl-istess ittra jammonta għal EUR 42 704.74 ma jidherx li huwa manifestament ineżatt fir-rigward tat-tabella prodotta minn PV.
- 158 Għaldaqstant, l-argument ta' PV ibbażat fuq żnaturament ta' din it-tabella għandu jiġi miċħud bħala infondat.
- 159 It-tieni, l-argumenti relatati man-natura frawdolenti tal-imsemmija tabella u mal-ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' PV huma inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 84 ta' din is-sentenza, peress li ma ġewx invokati quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 160 Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' PV li l-Qorti Ġenerali missha applikat il-prinċipju *fraus omnia corrumpit* minħabba l-allegata firma falza li kienet tinsab fuq id-deċiżjoni ta' tnaqqis tas-salarju tal-15 ta' Settembru 2016, din għandha, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 84 sa 86 ta' din is-sentenza, tiġi miċħuda bħala infondata fir-rigward tal-proċedura dixxiplinari CMS 17/025 u bħala inammissibbli fir-rigward tal-atti kontenzjużi l-oħra msemmija fil-kuntest tas-seba' aggravju.
- 161 Għaldaqstant, l-argument ta' PV ibbażat fuq l-iżball ta' liġi li twettaq mill-Qorti Ġenerali fil-punti 165 u 206 tas-sentenza appellata minħabba l-iżnaturamenti allegati minn PV fil-kuntest tas-seba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.
- 162 Isegwi li s-seba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 163 Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, li għandu jiġi eżaminat fis-seba' lok, PV isostni, l-ewwel, li, fil-punti 6, 8, 17, 20, 54, 147, 162, 163, 164, 166, 173, 205, 206, 242 u 246 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żnaturamenti u "deformazzjonijiet" ta' numru ta' elementi li fuq il-bażi tagħhom hija kkunsidrat, b'mod żbaljat, li l-fastidju psikoloġiku ma kienx ġie stabbilit.

- 164 Fl-ewwel lok, PV jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma semmietx il-fastidju psikoloġiku li tiegħu kien vittma fi ħdan id-DĠ “Baġit” bejn ix-xahar ta’ Lulju 2010 u x-xahar ta’ Diċembru 2011 – li ġie stabbilit mill-perizja tal-psikjatra tiegħu.
- 165 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali missha ħadet inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li d-DĠ “Riżorsi umani u sigurtà” approvat u rrakkomandat il-miżuri ta’ tneħħija proposti minn persuna fdata li ġew appellati minn PV matul il-perijodu ta’ impjeg tiegħu mad-DĠ “Interpretazzjoni” kif ukoll tar-rifjut ta’ dan l-aħħar DĠ li jagħtihom segwitu.
- 166 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti billi kkunsidrat, fil-punt 242 tas-sentenza appellata, li l-fatti dwar il-fastidju psikoloġiku mġarrab minn PV, hekk kif inhuma allegati minnu fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, ma ġewx ikkorroborati permezz ta’ xhieda, filwaqt li PV kien iproduċa x-xhieda ta’ żewġ ex kollegi li tikkonferma dawn il-fatti.
- 167 Fir-raba’ lok, il-Qorti Ġenerali “ddeforamt” id-dikjarazzjonijiet ta’ PV billi użat, b’mod partikolari fil-punti 6, 17, 20 u 54 ta’ din is-sentenza, il-kliem “li jallega” jew “allegatament” b’konnessjoni mal-allegazzjonijiet tiegħu, b’tali mod li tat lil wieħed x’jifhem li dawn l-allegazzjonijiet huma żbaljati jew magħmula b’*mala fide*.
- 168 L-istess jgħodd fir-rigward tal-evalwazzjoni, li tinsab fil-punt 166 tal-imsemmija sentenza, li ebda fastidju psikoloġiku ma kien ġie stabbilit fi ħdan id-DĠ “Interpretazzjoni”.
- 169 Fil-ħames lok, il-Qorti Ġenerali “ddeforamt” il-portata tar-rapporti mediċi sottomessi minn PV billi kkunsidrat, fil-punt 164 tal-istess sentenza, li dawn ir-rapporti mediċi ma jippermettux li jiġi stabbilit li l-inkwiet ta’ PV jirriżulta minn fastidju psikoloġiku.
- 170 L-istess jgħodd fir-rigward tal-kunsiderazzjoni, li tinsab fil-punt 205 tas-sentenza appellata, li PV ma kien iproduċa ebda prova dwar il-fastidju psikoloġiku allegat fi ħdan id-DĠ “Interpretazzjoni”.
- 171 Fis-sitt lok, il-Qorti Ġenerali injorat deliberatament il-provi l-oħra tal-fastidju psikoloġiku li PV ġarrab fi ħdan id-DĠ “Interpretazzjoni” b’mod partikolari l-istqarrijiet ta’ waħda mill-persuni kkonċernati u d-deċiżjoni ta’ qorti istruttoria Belġjana li tikkunsidra lil din il-persuna bħala suspettata, li wassalha tikkunsidra, b’mod żbaljat, fil-punt 173 ta’ din is-sentenza, li l-fatti ta’ fastidju psikoloġiku allegati minn PV ma kinux stabbiliti suffiċjentement kif meħtieġ mil-liġi.
- 172 Il-punt 163 tal-imsemmija sentenza, li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li r-rapporti mediċi tat-tabib ta’ PV ma kinux ta’ natura li jistabbilixxu, fihom infushom, l-eżistenza ta’ fastidju psikoloġiku, u l-punt 206 tal-imsemmija sentenza, fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li PV ma kien iproduċa ebda prova li tippermetti li jiġi konkluż li kien ġie ssuġġettat għal xi tip ta’ fastidju psikoloġiku fi ħdan id-DĠ “Interpretazzjoni” jew li l-assenzi mhux iġġustifikati li wasslu għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati huma l-konsegwenza ta’ tali fastidju kkontestat, ukoll huma vvizzjati bi żnaturament tal-fatti.
- 173 Fis-seba’ lok, il-Qorti Ġenerali missha ħadet inkunsiderazzjoni, fil-punti 8 u 162 tas-sentenza appellata, il-fatt li d-deċiżjoni ta’ ċaħda tal-ilment ta’ PV imressaq kontra r-rifjut tal-adozzjoni tal-miżuri ta’ tneħħija mitluba hija bbażata fuq riluttanza frawdolenti tad-DĠ “Interpretazzjoni”, peress li r-rifjut ta’ dan id-DĠ li jiġu applikati dawn il-miżuri ta’ tneħħija seħħ qabel ir-redazzjoni tar-rapport ta’ investigazzjoni intern li jikkonkludi li ma kienx hemm fastidju.

- 174 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkonstatat, fil-punt 162 ta' din is-sentenza, li d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal assistenza mressqa fit-23 ta' Diċembru 2014 kienet saret definittiva. Fil-fatt, il-fastidju jikkostitwixxi aġir abbużiv li jimmanifesta ruħu fit-tul u li għalhekk ma jintemmx neċessarjament fid-data ta' adożzjoni ta' deċiżjoni ta' ċaħda ta' talba għal assistenza.
- 175 Fit-tmien lok, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatt billi kkonstatat, fil-punt 147 tal-imsemmija sentenza, li PV ma kien ipproduċa ebda prova li tippermetti li jiġi konkluż li l-Awtorità tal-Ħatra kienet irrikjediet il-prova ta' intenzjoni malizzjuża min-naħa tal-allegati molestaturi, meta din iċ-ċirkustanza ġiet ikkonfermata permezz ta' ittra rċevuta minn PV fit-12 ta' Diċembru 2019.
- 176 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeformat ir-realtà billi kkunsidrat, fil-punt 246 tas-sentenza appellata, li ċertu aġir, anki jekk jista' jidher li ma huwiex xieraq, ma huwiex suffiċjenti biex jiġi kkwalifikat bħala fastidju.
- 177 It-tieni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma rrikonoxxietx, fid-dawl tal-provi prodotti minn PV sabiex jiġi stabbilit il-fastidju psikoloġiku, li ċ-ċaħda tat-talbiet ta' bidla fl-assenjazzjoni u tat-talbiet għal assistenza kontenzjuża tikkostitwixxi ksur tal-Artikoli 1, 3, 4 u 31 tal-Karta kif ukoll tal-Artikoli 1e u 12a tar-Regolamenti tal-Persunal.
- 178 It-tielet, il-Qorti Ġenerali missha annullat iċ-ċaħdiet tat-talbiet għal assistenza mressqa minn PV, minħabba l-ksur tad-dritt tiegħu għal smiġh stabbilit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta. Fil-fatt, li kieku PV nstema', kien ikun jista' jipproduċi r-riżultati tal-investigazzjonijiet kriminali dwar il-fastidju psikoloġiku li ġarrab fi ħdan id-DĠ "Interpretazzjoni" – li seta' wassal lill-Awtorità tal-Ħatra tadotta miżuri ta' tneħħija.
- 179 Il-Kummissjoni tqis li hemm lok li r-raba' aggravju jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 180 L-ewwel, jeħtieġ li jiġu eżaminati l-iżnaturamenti u d-"deformazzjonijiet" invokati minn PV fil-kuntest tar-raba' aggravju.
- 181 F'dan ir-rigward, għal dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument ta' PV li l-Qorti Ġenerali naqset milli ssemmi, fis-sentenza appellata, l-allegat fastidju psikoloġiku li PV ġarrab fi ħdan id-DĠ "Baġit", għandu jiġi osservat, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 150 tas-sentenza appellata, li PV jsostni li huwa kien ġie ssuġġettat għal proċess ta' fastidju kontinwu mill-1 ta' Settembru 2008 u li kien ġarrab episodji differenti ta' fastidju psikoloġiku separati fi ħdan tliet direttorati ġenerali differenti, li kif jirriżulta mill-punti 3 u 4 ta' din is-sentenza, jinkludu d-DĠ "Baġit", li miegħu PV kien ġie assenjat matul il-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2009 u l-31 ta' Marzu 2013.
- 182 Min-naħa l-oħra, mill-punt 155 tal-imsemmija sentenza, li ma huwiex ikkritikat mill-appell, jirriżulta li l-allegazzjoni ta' PV dwar l-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku eżerċitat mis-superjuri ġerarkiċi tiegħu ma hijiex biżżejjed biex jiġi stabbilit li kull att adottat minn dawn il-persuni huwa illegali u li kien neċessarju, sabiex tiġi stabbilita din l-illegalità, li PV juri l-effett tal-aġir li jikkostitwixxi fastidju fuq il-portata ta' kull deċiżjoni kontenzjuża.
- 183 Issa, ebda wieħed mill-atti kontenzjużi msemmija fil-punti 129 u 130 tas-sentenza appellata ma ġie adottat fil-perijodu li matulu PV kien assenjat mad-DĠ "Baġit".

- 184 Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali tqis, impliċitament iżda neċessarjament, li PV ma kienx stabbilixxa l-effett li l-allegat fastidju fi ħdan id-DĠ “Baġit” kellu fuq l-eżami tar-rikorsi għal annullament ippreżentati minnu. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata talli ma sabitx li kien jeżisti fastidju psikoloġiku fi ħdan dan id-DĠ.
- 185 Fit-tieni lok, fir-rigward tat-tehida ta’ pożizzjoni tad-DĠ “Riżorsi umani u sigurtà”, dwar il-miżuri ta’ tneħħija proposti minn persuna fdata, li kien ġie appellat minn PV matul il-perijodu ta’ impjieg tiegħu mad-DĠ “Interpretazzjoni”, għandu jittfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 78 ta’ din is-sentenza, meta jallega żnaturament tal-fatti jew tal-provi mill-Qorti Ġenerali, rikorrent għandu jindika b’mod preċiż l-elementi li ġew żnaturati minnha u juri l-iżbalji ta’ analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament.
- 186 Issa, hemm lok li jiġi osservat li, fil-kuntest tal-argument tiegħu, PV ma jidentifikax konstatazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata li hija vvizzjata bi żnaturament tal-fatti jew tal-provi fuq il-bażi tad-dokument li jinvoka, fejn għalhekk dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.
- 187 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-allegat fastidju psikoloġiku fi ħdan id-DĠ “Interpretazzjoni”, PV jinvoka numru ta’ dokumenti li ġew prodotti fl-ewwel istanza.
- 188 Madankollu, billi invoka dawn id-dokumenti, li ġew injorati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, PV ma għandux l-intenzjoni li jstabbilixxi żnaturament jew żball ta’ liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 173 tas-sentenza appellata, iżda jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida ta’ dawn il-provi, liema fatt ma jaqax taħt il-kompetenza tagħha.
- 189 Fir-raba’ lok, insostenn tal-ilment li l-Qorti Ġenerali wettqet żnaturament tal-fatti billi ċaħdet, fil-punt 147 tas-sentenza appellata, l-allegazzjoni li l-Awtorità tal-Fatra rrikjediet il-prova ta’ intenzjoni malizzjuża tal-allegati molestaturi, PV jinvoka ittra li jiddikjara li rċieva fit-12 ta’ Diċembru 2019. Madankollu, peress li din l-ittra ma ġietx prodotta quddiem il-Qorti Ġenerali, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.
- 190 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-argument dwar l-iżnaturament tal-fatti li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet fil-punt 242 tas-sentenza appellata, dan għandu jiġi miċħud bħala, fi kwalunkwe każ, ineffettiv.
- 191 Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li lmenti indirizzati kontra motivi superfluwi ta’ deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta’ din id-deċiżjoni u għaldaqstant huma ineffettivi (sentenza tat-2 ta’ Ottubru 2019, *Crédit mutuel Arkéa vs BĊE*, C-152/18 P u C-153/18 P, EU:C:2019:810, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 192 Issa, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 135 sa 241 tas-sentenza appellata, il-motivi kollha invokati minn PV insostenn tar-rikors tiegħu għal annullament, fejn l-affermazzjonijiet li jinsabu fil-punt 242 ta’ din is-sentenza ma jistgħux jinvalidaw din iċ-ċaħda. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala motivi superfluwi.
- 193 Fis-sitt lok, l-argument ta’ PV dwar l-użu, mill-Qorti Ġenerali, tal-kliem “li jallega” u “allegatament” b’rabta mal-affermazzjonijiet tiegħu, huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-imsemmija sentenza peress li l-użu ta’ dan il-kliem huwa intiż biss sabiex jiġi ppreċiżat li

l-elementi li magħhom huma relatati jikkostitwixxu allegazzjonijiet, mingħajr ma jgħibu magħhom xi evalwazzjoni dwar il-fondatezza jew il-*bona fide* tal-awtur tagħhom. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala infondat.

- 194 Għal dak li jikkonċerna l-argumenti ta' PV bbażati fuq l-allegata riluttanza frawdolenti tad-DĠ "Interpretazzjoni" kif ukoll tal-ksur tad-dritt tiegħu għal smiġ, peress li dawn l-argumenti ma ġewx invokati fl-ewwel istanza, dawn għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 84 ta' din is-sentenza.
- 195 Fis-seba' lok, fir-rigward tal-allegati żnaturamenti li bihom huma vvizzjati l-punti 163, 164, 166, 205, 206 u 246 tas-sentenza appellata, jeħtieġ sempliċement li jiġi kkonstatat li PV ma stabbilixxiex li l-evalwazzjoni tal-fatti jew tal-provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali f'dawn il-punti tidher manifestament żbaljata.
- 196 Fit-tmien lok, fir-rigward tal-argument dwar l-iżball manifest ta' evalwazzjoni li wettqet il-Qorti Ġenerali fil-punt 162 tas-sentenza appellata, għandu jiġi osservat li l-motivi ddikjarati fil-punti 163 sa 165 tal-imsemmija sentenza, li, kif ġie osservat fil-punti 161 u 195 tas-sentenza preżenti, ma ġewx ikkontestati b'mod effettiv minn PV fil-kuntest tal-appell tiegħu, huma suffiċjenti biex jiġġustifikaw l-evalwazzjoni, magħmula fil-punt 173 tas-sentenza appellata, li PV ma stabbilixxiex suffiċjentement kif meħtieġ mil-liġi l-fatti ta' fastidju psikoloġiku allegati fi ħdan din id-diviżjoni tad-DĠ "Interpretazzjoni".
- 197 Għalhekk il-motiv iddikjarat fil-punt 162 tas-sentenza appellata, intiż li jissostanzja din l-istess evalwazzjoni, huwa superfluwu fir-rigward tal-punti 163 sa 165 tal-imsemmija sentenza.
- 198 Għaldaqstant, l-argument ta' PV li jirrigwarda l-punt 162 tal-istess sentenza huwa ineffettiv, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 191 tas-sentenza preżenti.
- 199 It-tieni, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 256 TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż il-punti kkritikati tas-sentenza li tagħha qiegħed jintalab l-annullament kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku lil din it-talba taħt piena ta' inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernat (sentenza tad-29 ta' Settembru 2022, ABLV Bank vs SRB, C-202/21 P, EU:C:2022:734, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 200 B'hekk, aggravju li l-argument tiegħu ma huwiex suffiċjentement ċar u preċiż sabiex jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti u għandu jiġi ddikjarat inammissibbli, b'mod partikolari għaliex l-elementi essenzjali li fuqhom huwa bbażat l-aggravju ma jirriżultawx b'mod suffiċjentement koerenti u li jinftiehem mit-test ta' dan l-appell – li huwa fformulat b'mod oskur u ambiguw f'dan ir-rigward (sentenza tat-3 ta' Marzu 2022, WV vs SEAE, C-162/20 P, EU:C:2022:153, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 201 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-argument ta' PV li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma kunsidratx li ċ-ċaħdiet tal-bidliet fl-assenjazzjoni u tat-talbiet għal assistenza kienu jikkostitwixxu ksur tal-Artikoli 1, 3, 4 u 31 tal-Karta kif ukoll tal-Artikoli 1e u 12a tar-Regolamenti tal-Persunal ma fihx indikazzjonijiet preċiżi dwar il-punti tas-sentenza appellata li huma eventwalment ivvizzjati b'tali żball ta' liġi. Barra minn hekk, PV ma jindikax l-argumenti legali li jsostnu lil dan l-argument b'mod speċifiku, li għandu, għalhekk, jiġi ddikjarat inammissibbli.

202 Għaldaqstant hemm lok li r-raba' aggravju jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq it-tmien aggravju

L-argumenti tal-partijiet

203 Permezz tat-tmien aggravju tiegħu, PV jsostni, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi straħet, fil-punt 81 tas-sentenza appellata, fuq it-tpaċija li l-Awtorità tal-Ħatra kienet wettqet bejn id-dejn rispettiv ta' PV u l-Kummissjoni. Fil-fatt, skont PV, l-irtirar tad-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tas-26 ta' Lulju 2016 neħħa b'mod retroattiv il-konsegwenzi kollha ta' din id-deċiżjoni, b'mod partikolari l-konstatazzjonijiet ta' assenzi mhux iġġustifikati. Minn dan isegwi li l-ittri ta' rikonoxximent ta' djun u t-tnaqqis tas-salarju tiegħu ma kellhomx iżjed bażi legali wara din it-tneħħija minn pożizzjoni, fejn għalhekk ma setgħetx issir tpaċija.

204 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkunsidrat, fil-punt 82 ta' din is-sentenza, li, peress li d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tas-26 ta' Lulju 2016 kienet ġiet irtirata u l-effetti finanzjarji tagħha ġew innewtralizzati qabel il-preżentata tar-rikors fil-Kawża T-786/16, it-talba għall-annullament ta' din id-deċiżjoni ma kienx għad għandha skop.

205 Fil-fatt, l-Awtorità tal-Ħatra ma kkumpensatx il-konsegwenzi finanzjarji tal-imsemmija deċiżjoni, għadarba kien neċessarju, għal dan il-għan, li PV jirċievi kumpens għad-danni materjali u morali.

206 Il-Kummissjoni tqis li t-tmien aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

207 L-ewwel, fir-rigward tal-iżball ta' liġi li allegatament wettqet il-Qorti Ġenerali fil-punt 81 tas-sentenza appellata, għandu jiġi osservat li n-natura irregolari tal-assenzi attribwiti lil PV ma kinux jikkostitwixxu effetti tad-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tas-26 ta' Lulju 2016. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jsostni PV, l-irtirar ta' din id-deċiżjoni ma jistax ikollu bħala effett li jiġġustifika dawn l-assenzi. Għaldaqstant l-argument ibbażat fuq il-ksur ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali f'dan il-punt 81 huwa infondat.

208 It-tieni, fir-rigward tal-argument ta' PV dwar l-iżball ta' liġi li allegatament wettqet il-Qorti Ġenerali fil-punt 82 ta' din is-sentenza, għandu jiġi osservat li din ikkunsidrat ukoll, fl-istess punt, li peress li d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tas-26 ta' Lulju 2016 ġiet irtirata, PV ma kienx għad għandu interess ġuridiku kontra din id-deċiżjoni. Għalhekk, kieku kellu jitqies li l-Qorti Ġenerali qieset, b'mod żbaljat, f'dan il-punt 82, li l-effetti finanzjarji tal-imsemmija deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni kienu ġew innewtralizzati qabel il-preżentata tar-rikors fil-Kawża T-786/16, tali żball ma jkunx jista' jqiegħed inkwistjoni l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, magħmula fil-punt 85 tal-imsemmija sentenza, li t-talba għall-annullament ta' din id-deċiżjoni hija inammissibbli. Għaldaqstant dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala, fi kwalunkwe każ, ineffettiv.

209 Minn dan isegwi li t-tmien aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq id-disa' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 210 Permezz tad-disa' aggravju tiegħu, PV isostni, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti billi kkonstatat, fil-punt 25 tas-sentenza appellata, li r-relazzjoni tax-xogħol tiegħu ma' persuna privata li timpjega kienet bdiet fix-xahar ta' Lulju 2017 filwaqt li din ir-relazzjoni tax-xogħol kienet bdiet fis-26 ta' Ġunju 2017. Isostni li dan l-iżnaturament ippermetta lill-Qorti Ġenerali tinjora li l-imsemmija relazzjoni tax-xogħol kienet bdiet qabel l-irtirar tad-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tas-26 ta' Lulju 2016.
- 211 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkonstatat, fil-punt 170 ta' din is-sentenza, li PV kellu jiġi rreintegrat fid-DĠ "Interpretazzjoni" wara l-irtirar tad-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tas-26 ta' Lulju 2016. Fil-fatt, ir-reintegrazzjoni tiegħu kien mistenni li jfisser il-konklużjoni ta' relazzjoni ġdida ta' xogħol, peress li PV kien sab xogħol ma' persuna oħra li timpjega qabel l-irtirar ta' din id-deċiżjoni, li jimplika li l-kunsens tiegħu kellu jinkiseb qabel ir-reintegrazzjoni tiegħu f'dan id-DĠ. Issa, huwa ma kienx ta l-kunsens tiegħu għal din ir-reintegrazzjoni.
- 212 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kkompensatx it-telf ta' salarju mġarrab waqt li PV kien f'sitwazzjoni ta' qagħad wara t-tneħħija minn pożizzjoni tiegħu, liema fatt kien jippermetti lil dan tal-aħħar japplika l-prinċipju ta' dritt Belġjan tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni. Ulterjorment PV ma għandux il-kompetenzi tekniċi neċessarji biex jokkupa l-kariga ġdida li kien ġie assenjat. Il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li PV kellu jiġi rreintegrat mad-DĠ "Interpretazzjoni" wara l-irtirar tat-tneħħija minn pożizzjoni tiegħu għalhekk tikser ukoll l-Artikolu 15 tal-Karta.
- 213 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti billi naqset milli ssemmi t-tressiq, minn PV, ta' lment kontra d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tal-21 ta' Ottubru 2019.
- 214 Il-Kummissjoni ssostni li d-disa' aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 215 L-ewwel, fir-rigward tal-ilment dwar l-iżnaturament tar-rikorsi fl-ewwel istanza, li jinsab fil-punt 25 tas-sentenza appellata, għandu jiġi kkonstatat li PV ppreċiża, fil-punt 131 tar-rikors tiegħu fil-Kawża T-786/16 u fil-punt 23 tar-rikors tiegħu fil-Kawża T-224/18, li huwa ma setax jiġi rreintegrat mad-DĠ "Interpretazzjoni" minħabba l-eżistenza ta' impjieg ieħor mix-xahar ta' Lulju 2017. Għaldaqstant, PV ma jistax validament jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli semmiet din l-affermazzjoni fil-punt 25 tas-sentenza appellata. Għaldaqstant dan l-ilment dwar żnaturament ma huwiex fondat.
- 216 It-tieni, fir-rigward tal-iżball ta' liġi li allegatament wettqet il-Qorti Ġenerali fil-punt 170 ta' din is-sentenza, fejn l-irtirar ta' att jimplika t-tneħħija tal-effetti ta' dan l-att, il-Qorti Ġenerali għustament ikkunsidrat, f'dan il-punt 170, li, wara l-irtirar tad-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tas-26 ta' Lulju 2016, PV kien għalkollox uffiċjal bid-drittijiet u l-obbligi inerenti għal dan l-istatus.

- 217 Għaldaqstant, l-argument ta' PV ibbażat fuq l-iżball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fl-imsemmi punt 170 għandu jiġi miċħud bħala infondat.
- 218 It-tielet, l-argument ta' PV dwar in-nuqqas ta' riferiment għall-ilment imressaq kontra d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tal-21 ta' Ottubru 2019 huwa inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 199 u 200 tas-sentenza preżenti, fin-nuqqas ta' preċiżazzjoni dwar b'liema mod tali nuqqas jikkostitwixxi żnaturament tal-fatti.
- 219 Isegwi li d-disa' aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq l-għaxar aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 220 Permezz tal-għaxar motiv tiegħu, PV isostni, sussidjarjament, li l-Qorti Ġenerali kisret il-projbizzjoni li tiddeċiedi *ultra petita*, billi ddeċidiet, fl-aħħar sentenza tal-punt 246 tas-sentenza appellata, dwar punt li ma kienx ġie sottomess lilha.
- 221 Il-Kummissjoni ssostni li hemm lok li l-għaxar aggravju jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 222 Mir-regoli dwar il-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mill-Artikolu 76 u mill-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li t-tilwima bħala prinċipju hija ddeterminata u ddefinita mill-partijiet u li l-qorti tal-Unjoni ma tistax tiddeċiedi *ultra petita*. B'hekk, peress li l-ġudikant dwar il-legalità ma jistax jiddeċiedi *ultra petita*, l-annullament li huwa jiddeċiedi ma jistax imur lil hinn minn dak mitlub mir-rikorrent (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2022, Il-Parlament vs Moi, C-246/21 P, mhux ippubblikata, EU:C:2022:1026, punti 55 u 56).
- 223 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors, b'hekk, li ma ddeċieda ebda annullament u, għalhekk, li ma jistax ikun li ddeċieda *ultra petita*.
- 224 Barra minn hekk, peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi invokati minn PV insostenn tar-rikors tiegħu għal annullament fil-punti 135 sa 241 tas-sentenza appellata, l-affermazzjonijiet li jinsabu fl-aħħar sentenza tal-punt 246 ta' din is-sentenza għandhom jitqiesu bħala motivi superfluwi.
- 225 Minn dan isegwi li l-għaxar aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ispejjeż

- 226 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

- 227 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li ttitlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.
- 228 Peress li l-Kummissjoni talbet li PV jiġi kkundannat għall-ispejjeż u peress li dan tal-aħħar tilef, hemm lok li jiġi kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) PV huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

Firem

ⁱ Fl-okkju u fil-punti 1, 23, 26, 33, 39, 60, 78, 89, 94, 95, 166, 203, 204, 207, 208, 210, 211, 212, 213, 216 u 218 ta' dan it-test saru modifiki ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.